**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 18 ta' Diċembru, 2024

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**-vs-**

**Gennaro Todisco, detentur tal-Karta tal-Identità Taljana bin-numru AY9825382**

*Kumpilazzjoni Nru. 233/2024*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Gennaro Todisco** u ċioe` talli:

> **Fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Frar tas-sena elfejn u għoxrin (2020) ġewwa Malta u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer talli:**

1. Għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żid jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;
2. U aktar talli fl-istess lok, żmien u ċirkostanzi, xjentement għamel użu minn att, kitba jew skrittura falza;

**U f'isem ir-Repubblika ta' Malta ġie akkużat talli fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Frar tas-sena elfejn u għoxrin (2020) u it-tlieta u għoxrin (23) ta' Frar tas-sena elfejn u għoxrin (2020) ġewwa Triq Sir Adrian Dingli, ta' Sliema u/jew fi bnadi oħra ġewwa dawn il-Gżejjer:**

3. Irrenda ruħu kompliċi ta' serq ta' arloġġ, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeċċedi l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bil-mezz, liema serq sar għad-dannu ta' Malcolm Soler u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;

**U f'isem ir-Repubblika ta' Malta ġie akkużat ukoll talli waqt ix-xahar ta' Frar tas-sena elfejn u għoxrin (2020) ġewwa l-Gżejjer Maltin:**

4. Ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja għaqda bil-ħsieb li twettaq reati kriminali; jew waqt li kien taf jew kellu kawża raġonevoli li jissuspetta dwar l-għan jew l-attività b'mod ġenerali tal-għaqda stabbilita għall-finijiet imsemmija fil-paragrafu (a) tal-Artikolu 83A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ipparteċipa b'mod attiv fl-attivitajiet kriminali tal-għaqda, inklużi iżda mhux limitati għall-għoti ta' informazzjoni jew ta' mezzi materjali jew ir-reklutaġġ ta' membri ġodda;

5. U aktar talli fl-istess lok, żmien u ċirkostanzi, għamel parti għal-għaqda msemmija fis-subinċiż (1) tal-Artikolu 83A tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta

F'każ ta' kundanna, din l-Onorabbli Qorti ġiet mitluba tqis lil Gennaro Todisco bħala reċidiv skont l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'sentenzi mogħtija kontrih, liema sentenzi saru finali u ma jistgħux jiġu appellati;

F'każ ta' kundanna, minbarra l-piena applikabbli skont il-liġi, din l-Onorabbli Qorti ġiet mitluba tordna l-konfiska tal-*corpus delicti*, tal-istrumenti użati jew maħsuba biex jintużaw fit-twettiq ta' xi reat, u ta' kull ħaġa miksuba minn tali delitt, inklużi kwalunkwe armi/armi u/jew strumenti/għodda oħra li ntużaw jew setgħu ntużaw waqt it-twettiq tad-delitt;

L-Onorabbli Qorti ġiet ġentilment mitluba li f'każ ta' kundanna ħatja, tinforza kontra l-kundannat id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, mingħajr preġudizzju għal kull penali jew multi li jistgħu jiġu stabbiliti bil-liġi.

Din l-Onorabbli Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat in-nota ta' l-Avukat Ġenerali tal-12 ta' Settembru, 2024,[1] permezz ta' liema bagħtet lill-imputat biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub fis-segwenti artikoli:

1. Fl-Artikolu 183 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-Artikolu 184 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fl-Artikoli 42, 261(b)(c), 263(b), 267, 278(2), 279(b) u 280(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Fl-Artikolu 83 A(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
5. Fl-Artikolu 83A(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
6. Fl-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
7. Fl-Artikoli 15A, 17, 23, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tas-16 ta' Settembru, 2024, l-imputat taha il-kunsens tiegħu biex il-każ jinstema w jiġi ġudikat minn din l-Qorti;[2]

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta għall-imputazzjonijiet numru wieħed u tnejn, u ċioe għar-reati ta' falsifikazzjoni w użu ta' dokument falsifikat kif kontemplat bl-artikoli 183 u 184 tal-Kodiċi Kriminali.[3]

**Stephen Cachia,** in rappreżentanza ta' Transport Malta, xehed li l-mutur bin-numru ta' reġistrazzjoni RQZ-383 kien reġistrat fuq ċertu Ivan Zammit għan-nom ta' I.G. Enterprises Ltd. Mutur ieħor bin-numru ta' reġistrazzjoni VQZ-167 kien reġistrat fuq Charlotte Marie Stivala għan-nom ta' ST Rentals Limited.[4]

**Malcolm Soler** spjega kif f' ġurnata tal-Ħadd fi Frar 2020, fiż-żmien il-Karnival, għal ħabta ta xi 11am-12pm, meta kien flimkien mat-tfajla tiegħu f' Dingli Street,

[1] Fol.148
[2] Fol.150
[3] Vide verbal tas-16 ta' Lulju, 2024 kif ukoll is-sottomissjonijiet finali fol.155
[4] Fol.20. vide **Dok.SC1** u **Dok.SC2** a fol.22 et seq

Sliema, kif ħarġu minn ġo ħanut fejn kienu daħlu jixtru, lemħu żewġ persuni lebsin *helmet, covid mask* u nuċċali; wieħed kien maġenb l-*intercom* ta' *block* flats u l-ieħor jistennih fuq mutur. Dak ta' ħdejn il-flats għolla idejh minn warajh u l-arloġġ li kien fuq idejh, waqa' mal-art. Kemm hu kif ukoll il-persuna li kien maġenb l-*intercom* waqgħu mal-art iżda l-aggressur zgiċċalu, qabad l-arloġġ u telaq fuq il-mutur li kien qed jistennih. L-arloġġ kien tal-marka Rolex Daytona Zenith u skond valutazzjoni li saret għall-skop ta' assikurazzjoni,[5] jiswa <u>€27,100</u>.[6] Kienet it-tfajla tiegħu, Lara Bonavia, li segwit lil mutur u ħadet in-numru tiegħu sabiex wara għaddietu lill-Ispettur Ransley.[7] Wara li dawn il-persuni kienu nqabbdu mill-pulizija, l-avukat tiegħu kellem lill-avukat ta' dawk l-akkużati bis-serq tal-arloġġ u dak l-arloġġ, li kienet inqalatlu il-parti minn fejn tidhol iċ-ċinga, ġie ritornat lilu msewwi.[8]

**Lara Bonavia** tixhed li flimkien ma Soler, marru 'Meats and Eats' f' Dingli Street, Sliema fejn ġew aggrediti minn żewġ persuni li ħatfu l-arloġġ tad-ditta Rolex minn fuq Soler. Hi telqet tiġri wara wieħed minnhom li kien telaq fuq mutur filwaqt li Soler baqa jissielet ma individwu iehor. Dan imbgħad ġera lejha, imbuttaħha biex jirkeb fuq il-mutur ta' sieħbu, u t-tnejn ħarbu minn fuq il-post.[9] Tiftakar li kienet għaddiet in-numru tar-*registration plates* tal-mutur lill-pulizija. Ikkonfermat li l-avukat Montalto, ġarr ta' Malcolm Soler, personalment għadda l-arloġġ lura lilu.[10]

L-**Ispettur Lydon Zammit** taha r-retroxena ta' dak li wassal sabiex jiġi identifikat l-imputat Todisco u jitressaq f'dawn il-proċeduri. Kien sar rapport minn Malcolm Soler li, wara li kien ħareġ minn ħanut, ġie aggredit minn persuna li ħadlu l-arloġġ u dan ħarab minn fuq il-post fuq mutur misjuq minn ieħor. Lil dawn it-tnejn kien rahom jaġixxu b'mod suspettuż qabel ma daħal fil-ħanut flimkien mat-tfajla tiegħu, ċertu Lara Bonavia, li kienet ħadet in-numru ta' reġistrazzjoni tal-mutur li kien RQZ383.[11] Skattat investigazzjoni w irriżulta li l-mutur in kwistjoni kien jappartjeni lil ċertu Ivan Zammit. Dan kien inkera fil-jum ta' qabel minn żewġ Taljani fejn dakinhar ġiet preżentata liċenzja tas-sewqan f'isem Giuseppe Viscardi li kien identifikah minn *cctv footage* bħala l-istess persuna li kien kera l-mutur mill-ħanut tiegħu. Dakinhar kienu wasslu għandu b'mutur bin-numru ta' reġistrazzjoni VQZ 167 mikri mingħand Stivala Rentals.

---

[5] **Dok.MS** a fol.39
[6] Fol.34
[7] Fol.35
[8] Fol.36
[9] Fol.95
[10] Fol.96
[11] Fol.41

Sadanittant l-awtoritajiet Taljani infurmaw lill-Pulizija Maltija li l-liċenzja tas-sewqan ippreżentata lil Zammit bl-isem ta' Viscardi, ma kienitx teżisti u b'hekk dak li ġie preżentat kien dokument falz. Irriżulta li r-ritratt ta' Todisco kien jaqbel mar-ritratt fuq il-liċenzja tas-sewqan li suppost kienet tappartjeni lil Viscardi, dik li rriżultat kienet falza.

Waqt li Zammit kien qed jiġi mitkellem minn PS1337 Kevin Curmi u PC965 Maverick Camilleri, għadda l-istess mutur VQZ 167 minn quddiemhom u dawn l-uffiċjali segwewh wara li Zammit indikalhom li l-persuni rikbin fuqu kienu l-istess persuni li kienu krew il-mutur RQZ383. Dawn ġew arrestati w irriżulta li kienu Daniele Landolfi u Francesco Tanzi. Tfittxijiet fuq persunthom rriżultaw f'dokumenti t'identifikazzjoni tagħhom kif ukoll ta' ċertu Luigi Capuano u ta' l-imputat Gennaro Todisco, l-imputat odjern.[12]

Irriżulta li Landolfi u Tanzi, flimkien ma Capuano u Todisco, kienu waslu Malta lejliet li twettqet is-serqa fuq Soler b' titjira minn Ruma. Il-biljetti tal-ajru kollha nxtraw f'salt fit-18 ta' Frar f'aġenzija ibbażata f'Napli. L-investigazzjoni wriet kif dawn l-erba' kienu qed jirrisjedu fl-istess lukanda Apartment Seven (*recte*: The Seven Apartments) f'Paceville. Sadanittant il-pulizija baqgħet teżamina is-*cctv footages* biex taraha fejn mar il-mutur li kien intuża għas-serqa fuq Soler. Dan kien ġie pparkjajt ħdejn il-bajja ta' San Ġorġ ftit l-isfel mill-Bay Street. L-Ispettur Zammit jissokta:

> *"Minn hemmhekk jidhru jitilgħu, jidħlu ġol-Apartment 7 fejn kellhom il-kamra ż-żewġ persuni, u meta jitilgħu dawn iż-żewġ persuni li kienu wettqu s-serqa, l-ewwel jidħol wieħed, għax inizżlu, imbagħad ftit mumenti, minuti żgħar jidħol l-ieħor, jidher ukoll tiela' s-Sur Gennaro Todisco. Jidher baqgħu jistennewh quddiem il-kamra, ji hu, jiftħulhom il-kamra, jidħlu ġewwa, jasal ir-raba' persuna ukoll li kien magħhom. Madwar tletin minuta wara, jiġifieri qed nitkellmu għall-ħabta tas- sagħtejn neqsin kwart, il-persuni kollha jidhru jitilqu minn ġewwa l-kamra, jitilqu f'daqqa minn ġewwa l-kamra. Hemmhekk isir l-arrest, sar l-arrest minn naħa tagħha ta' dawk iż-żewġ persuni, u lura ġol-kamra, mis-CCTVs li hemm fil-lukanda, jidħlu biss Luigi, jiġifieri l-persuna Luigi Capuano u Gennaro Todisco. Iż-żewġ persuni ovvjament it-tnejn l-oħra kienu arrestati magħna.*
>
> *Li nixtieq nieħu parentesi żgħira rigward Luigi Capuano. Luigi Capuano għadu qiegħed imfittex mill-pulizija, hemm EAW fil-konfront tiegħu. Infurmati li qiegħed ġo ħabs ġewwa l-Italja, għalhekk għalissa ma jistax jiġi estradit hawn Malta, iżda fiż-żmien li ġej se jkun estradit.*
>
> *Mela dan ġara ftit wara, jiġifieri thirteen forty-six (13:46) ħarġu kollha. Madwar siegħa wara jidhru Luigi u Gennaro jidħlu ġol-lukanda, jiġifieri qed nitkellmu għall-ħabta tat-tlieta (~ 3.00). Għall-ħabta tal-erbgħa (~ 4.00) jidher Gennaro waħdu rieġa' dieħel ġol-*

[12] Fol.42-43

*lukanda, għax jerġgħu joħorġu flimkien, imbagħad Gennaro jerġa' jirritorna, jidħol waħdu fil-kamra, liebes hoodie, din id-darba liebes hoodie, u ftit wara joħroġ bil-bagalji minn ġewwa l-kamra u jitlaq mil-lukanda u ma jirritornax. Irriżultalna li l-lukanda, l-Apartment 7 kienet irreġistrata fuq Francesco Tanzi, il-booking kien sar minn naħa tagħhom u kien sar dakinhar u tħallsu bil-cash. Minn hemmhekk konna tkellimna maż-żewġ persuni li kellna arrestati u meta kienu spjegaw, minkejja li kienu innegaw li kienu involuti f'dawn... iżda kienu innegaw, kienu qalu li kellhom il-biljetti tat-tnejn l-oħra jiġifieri għax kienu sejrin jixtru l-biljetti biex jitilqu minn Malta.*

*Minn naħa tagħha wara dan kollu huma ġew imressqin quddiem Qorti oħra ż-żewġ persuni u nħarġu kif ovvjament, inħareġ EAW fil-konfront ta' Gennaro u ta' Luigi. Gennaro Todisco kien inġieb Malta fil-wieħed u tletin (31) ta' Marzu ta' din is-sena u ġie mressaq sussegwentement fl-ewwel (1) ta' April ta' din is-sena, fejn waqt l-investigazzjoni, l-istqarrija li ħadtlu jiena, hu irrinunzja biex ikellem l-avukat u anke iffirma dikjarazzjoni rigward dan. Waqt l-istqarrija li tteħditlu audiovisual minn naħa tiegħi hu kien ammetta l- involviment tiegħu. Kien spjega li hu kienu avviċinawh biex jiġi Malta magħhom, kien jaf li dawn huma... huma kienu qalulu li sejrin Malta għal biċċa xogħol. Hu, fl-istqarrija tiegħu jgħid li hu kien jaf li dawn involuti... il- biċċa xogħol, għalkemm ma kienx jaf eżatt x'se tkun din il-biċċa xogħol, kien jaf li dawn involuti fis-serq. Fil-fatt aħna mbagħad kompla jirriżultalna li dawn jistgħu jkunu minn grupp li hemm ġewwa Napli li jisirqu arloġġi tal-idejn lussużi. Kompla fl-istqarrija tiegħu ikkonferma li l-biljett biex jiġi hawn Malta kien ħallsu Landolfi, kien ħallasulu Landolfi, u kien qal ukoll li l-liċenzja falza li kellu li ippreżenta biex kera l-mutur kien jaf biha u kienu tawhielu hawn Malta iżda r-ritratt li hemm fuqha kien ipproduċihulhom hu stess biex imur fuq din id-driving licence. U kienu ġabuh hawnhekk u kienu ħa jtuħ ħames mitt ewro (€500) biex joqgħod isajjar, xogħlu kien se jkun juża din id-driving licence f'ismu u jsajjar hawn Malta. Meta ġie mistoqsi x'ġara wara, wara li telaq, hu kien qal li kienu ħarbu hu u Luigi, kienu ħarbu mil-lukanda wara li kienu ġew arrestati ż-żewġ persuni l-oħra, bil-biża' li jinqabdu, kienu għamlu lejl raqdu ġewwa l-ġnien Blata-il-Bajda, u hemmhekk kienet ġiet mara li kien jafha, kellu l-konoxxenza tagħha l-ħabib tiegħu, dakinhar ġiet minn barra, ġabitilhom dokumenti foloz u kienu ħarbu minn Malta dakinhar stess b'dawn id-dokumenti foloz li din it-tfajla kienet ipproduċiet mill-Italja għal hawn Malta. Dan kollu qiegħed fl-istqarrija tiegħu Gennaro...... Prattikament, Sinjura, dik kienet l-investigazzjoni aħna minn naħa tagħna dak iż-żmien u li żvolġiet iktar meta s-Sur Gennaro Todisco ġie hawn Malta u għażel li jikkoopera mal-pulizija u kien ta l-istqarrija tiegħu erba' snin wara dan l-inċident."*[13]

In kontro-eżami Zammit jikkonferma li l-arloġġ intbagħat lura Malta bl-assistenza tad-difensur ta' Todisco mill-familjari ta' Landolfi, li kien nstab ħati quddiem il-Qrati Maltin fuq is-serq iżda mhux li kien jappartjeni organizzazzjoni kriminali, liema deċiżjoni llum għaddiet in ġudikat[14] L-imputat l-ieħor, Tanzi, ġie liberat minn kull akkuża, w anke f'dan il-każ is-sentenza hi *res judicata*.

[13] Fol.43-45
[14] Fol.46-47

Gennaro Todisco stqarr mal-pulizija li huwa ġie Malta ma Landolfi, Tanzi u Capuano. Landolfi u Capuano kienu involuti f'ċirku ta' serq ta arloġġi lussużi. Minn dak li qal l-imputat lill-investigaturi, *"minkejja li hu ma kienx jaf is-serqa eżatt liema tkun, u jiena bħala investigatur aħna nemmnu wkoll li lanqas huma meta kienu ġejjin Malta ma kellhom it-target lest, imma t-target, għalhekk hekk tinħadem, .....jiskawtjawh hawn Malta, wara li jaslu hawn Malta, hu ma kienx jaf eżatt is- serqa, imma, fil-fatt toħroġ fl-istqarrija,* ***kien jaf li huma <u>għalhekk</u> ġejjin. Ħadd ma jtik ħames mitt euro biex tiġi Malta biex issajjarlu meta hawn Malta pass pass...[*****kollu restaurants*****] fil-fatt ir-rimarka tiegħi fl-istqarrija dik kienet......biex isajjar u juża <u>d-driving licence falza li kien jaf biha mill-Italja u biex kien jaf li se jużaha hawnhekk biex jikru mutur hawnhekk Malta b'liċenzja falza</u>.*"**[15]

Is-**Supretendent Jonathan Ransley** taha rendikont tal-investigazzjoni li segwiet r-rapport ta serq li għamel mal-Pulizija Malcolm Soler. Is-Supretendent semma kif ma setgħax ikun li Todisco ma kienx konxju li kienu ġejjin Malta biex iwettqu serqiet, għaliex <u>minn kollox għamlu biex jagħtu l-impressjoni li ma kienux qed jivvjaġġaw flimkien</u> kif anke jixhdu l-*stills* preżentati f' **Dok.RD1**[16] u **Dok.RD**[17] li ser jiġu analizzati aktar il-quddiem.

L-**Assistent Kummissarju Fabian Fleri** beda biex jikkonferma x-xiehda tiegħu fl-atti tal-proċess **Il-Pulizija vs Daniele Landolfi et**.[18] Ikkonferma wkoll l-oġġetti kollha li kien esebixxa f'dawk l-atti.[19] Spjega kif wara li ġie eżaminat *cctv footage*, għaraf lill-imputat bħala l-persuna li kriet xejn anqas minn <u>żewġ muturi</u> taħt isem falz wara li ppreżenta dokumenti foloz fuq isem Giuseppe Viscardi.

L-interrogazzjoni ta' Todisco ġiet traskritta minn **Dr. Alexandra Mamo.**[20]

<u>Stqarrija tal-Imputat</u>

Todisco jiddikjara li l-unika darba li ġie Malta kien fl-2020 meta ġie flimkien ma tlett persuni oħra Francesco Tanzi, Luigi Capuano u Daniele Landolfi, li ħallas il-biljetti ta' kulħadd xi jumejn qabel li wasslu.[21] Qal li hu w Francesco ġew offruti biċċa xogħol f'Malta. Lilu offrewlu ħames mitt ewro (€500) biex jieħu ħsieb issajjrilhom u jikri *scooter*. Ikompli *"qalulu li ghandhom xi xogħol iduru bl-scooter, qal imma hu ma kienx interessat ..... Luigi u Daniele qalulu li għandhom xogħol*

---

[15] Fol.48
[16] **Dok.RD1** a fol.308 fil-proċess **Il-Pulizija vs Daniele Landolfi et.** Vol.II ta' dan il-proċess u **Dok.RD** a fol.108 ta' dan il-proċess.
[17] **Dok.RD** a fol.108 et seq
[18] Vol.II;
[19] **Dok.FF4** sa **Dok FF.28**. Vide verbal tat-13 ta' Mejju 2020 a. fol. 176-177
[20] **Dok.AM** a fol.63 et seq
[21] Fol.68-69

*hawnhekk"*.[22] Lil Francesco sar jafu dik il-ġurnata li siefru lejn Malta. Hu stqarr li matul dawk it-tlett ijiem li kien ser ikun Malta xogħolu kien ser ikun li jikri l-*scooter* u jsajjar.[23] Għalih ma kienitx daqshekk stramba u **seta' jimmaġina li kienet xi ħaġa mhux sew imma dak iż-żmien kien bla xogħol u peress li kien ilu ma jħallas kera xi 5-6 xhur, aċċetta.[24]** Iltaqaw Napli u niżlu l-*airport* ta' Ruma biex jaslu Malta. Mill-ajruport wasslu f' The Seven Apartments[25] li nkera bħala *bed and breakfast* viċin il-Burger King f'Paceville.[26] Kien Francesco li b'taxi, li qabduha minn ħdejn il-Burger King f' Paceville, ħadu biex jikri l-*scooter* minn ħanut viċin il-baħar tas-Sliema.[27]

Hu kera l-*scooter* b'dokument falz li fuqu kien hemm r-ritratt tiegħu. Il-liċenzja ma kienitx fuqu. Lilu qalulu sabiex juza dan id-dokument biex ma jaqlax ċitazzjonijiet.[28] Kien hu stess li bagħat r-ritratt tiegħu lil Daniele Landolfi sabiex setgħet issir il-liċenzja falza qabel ma ġew Malta. Krew il-muturi minn żewġ ħwienet li kienu ħdejn xulxin iżda jgħid li hu pparteċipa fil-kiri ta' wieħed biss. Inkrew ukoll il-*helmets* u wara, flimkien ma Francesco, mar lura lejn il-B&B viċin il-Mercury Towers li kien għadu qed jinbena.[29] Dakinhar imbagħad qattewha billi marru jieklu u għamlu xi *shopping*.[30] L-għada, l-Ħadd 23 ta' Frar, meta saru xi nofsinhar jew is-siegħa (12pm-1pm), Daniele u Luigi telqu mill-appartament w hu baqa hemm jilgħab *online games*. Wara hu jgħid li ħaseb li ħareġ wara s-siegħa (1pm). Hawnhekk Todisco jippretendi li nesa x'kien ġara iżda, filwaqt li jiġi muri ritratti mill-Ispettur Lydon Zammit, iwieġeb:[31]

> ***"Spettur Lydon Zammit:*** *Si. Mela hawnhekk dieħel Luigi, umbagħad jidħol Daniele, mela twelve ten (12:10), twelve thirteen (12:13) mar jipparkja l-mutur umbagħad mar, inti tidħol twelve fourteen (12:14) u eżatt wara jidħol Francesco twelve fourteen (12:14).*
> ***Interpretu:*** *U qed jgħid li hu u Francesco kienu faċċata l-Burger King. …. Għax hu qed jgħid li kien qed ipejjep. ….huma kienu faċċata l-Burger King u hu mbagħad għad ipejjep.*
> ***Spettur Lydon Zammit:*** *Dana meta inti titla' issib lil Daniele u l-Luigi qed jistennewk biex jidħlu fil-kamra. (hawnhekk l-Ispettur Lydon Zammit juri lil Gannaro Todisco ritratt) ….*
> ***Gennaro Todisco:*** *Si, si*

---

[22] Fol.70
[23] Fol.71
[24] Fol.72
[25] Dan hu l-isem korrett tal-appartament li f'dawn il-proċeduri jiġi riferut bħala *Apartment 7/Seven* jew *Seven Apartments*
[26] Fol.73
[27] Fol.72-73
[28] Fol.74-75
[29] Fol.76-77
[30] Fol.78
[31] Dawn huma esibiti f' **Dok RD1** fil-proċess **Il-Pulizija vs Daniele Landolfi et.**, Vol.II ta' dan il-proċess kif ukoll bħala **Dok.RD** a fol.108 ta' dan il-proċess.

***Spettur Lydon Zammit:*** *Kien hemm xi raġuni imma għala bdew jistennewk?*
***Interpretu:*** *Għax huma qed jgħid li ma kellhomx huma ċ-ċavetta.*
***PS 1255 C Azzopardi:*** *Iċ-ċwievet*
***Spettur Lydon Zammit:*** *Alright. Kif kontu tafu li huma rritornaw lura? Jekk huma ma kellhomx ċavetta, mela riedu jistennew lilek, lilkom.*
***Interpretu:*** *Huma kienu l-burger king*
***Spettur Lydon Zammit:*** *Min ċempel?*
***Interpretu:*** *u ċemplilhom. Daniele. Danie, Daniele*
***Spettur Lydon Zammit:*** *Alright. Colazione lunch*
***Interpretu:*** *Le, colazione breakfast, breakfast, breakfast. Mela, hu qed jgħid li hu u Francesco kienu qed jieħdu*
***Spettur Lydon Zammit:*** *U marru jiftħulhom …. u għamlu nofs siegħa ġol-kamra. Hemmhekk x'ġara? Ngħidu sew li hemmhekk kien il-ħin qalulu bis-serqa? ….. Qalulu, qalulu li serqu l-arloġġ hemmhekk.*
***Interpretu:*** *Iva*
***Spettur Lydon Zammit:*** *Min qallu?*
***Interpretu:*** *Luigi qed jaħseb li qallu.*
***Spettur Lydon Zammit:*** *X'qallu? Luigi li kellu, eżatt.*
***Interpretu:*** *Alright, li seraq l-arloġġ u li jridu jitilqu.*
***Spettur Lydon Zammit:*** *Jitilqu minn hemmhekk. Issa, meta qallu, taħ spjegazzjoni minn fejn serquh, kif serquh? Jekk weġġax xi ħadd?*
***Interpretu:*** *Mela, huma x'ħin kienu hemm ġew qed jgħid li urewh l-arloġġ li li serqu u qalulom, avvżawhom li jridu jitilqu lil hemm.*
***Spettur Lydon Zammit:*** *Jitilqu minn minn, fejn jitilqu? Meta qed jgħid jitilqu, fejn?*
***Interpretu:*** *Biex jitilqu l-Italja.*
***Spettur Lydon Zammit:*** *In Italja. Issa, minn hemmhekk imma, xi ftehmu, x'se jagħmlu, kif ħa jmorru, min ħa jaqta' l-biljetti?*
***Interpretu:*** *Daniele u Francesco kienu sejrin biex jaqtgħu l-biljetti*
***Spettur Lydon Zammit:*** *Daniele u Francesco. U intom x'kontu se tagħmlu?* **...** *inti ħriġt magħhom ara. (L-Ispettur Lydon Zammit juri lil Gennaro Todisco ritratt). Inti nofs siegħa wara ħriġt, ħriġtu Luigi, Daniele u gattu u….. Gennaro Luigi e Daniele jidhru ħerġin mill-kamra nofs siegħa wara.*
***Interpretu:*** *Mela, hu qed jgħid li Dan, Daniele, Francesco, Francesco qed jgħid li mar biex ineħħi l-iscooter fejn kien, un attimo …… Francesco mar ineħħi l-motorino, l-iscooter minn fejn kien biex jerġa' jirritornah…… t-tlieta l-oħra marru l-airport biex jaqtgħu l-biljetti.*[32]
*….. once li kellhom il-biljetti maqtugħin, jerġgħu morru lura, jaqbdu l-bagalji w jitilqu l'hemm lejn l-airport.*
***Spettur Lydon Zammit:*** *Min kien se jħallas ta' dawn il-biljetti?*
***Interpretu:*** *Mela, ehm, Daniele biss.*
***Spettur Lydon Zammit:*** *Daniele biss kien se jħallas. Issa, kif sar jaf, umbagħad hu jidher jidħol, kif għidtlu jilbes il-hood, kif diġa' urejtu.*
***Spettur Lydon Zammit:*** *Kif, kif sar jaf bl-arrest tagħhom?*
***Interpretu:*** *Mela, qed jgħid*
***Spettur Lydon Zammit:*** *Alright*

[32] Fol.80-83

*__Interpretu:__ hu qed jgħid li min-naħa ta' Luigi sar jaf. Għax kienu sejrin lejn dan ċertu Tanzi li kien qed jitkellem fuq, ehm fuq it-telefon u jgħajjat fuq it-telefon, kien hemm Daniele, eh qablu, distakkat kien hemm Luigi warajh. U tramite Luigi, hu sar jaf ...*
*__Spettur Lydon Zammit:__ U x'qallu Luigi?*
*__Interpretu:__ Mela hu qed jgħid li mar u qallu li arrestaw lil Daniele u lil Francesco.*
*__Spettur Lydon Zammit:__ U hu x'għamel min-naħa tiegħu?*
*__Interpretu:__ Hu għamel il-bagalja u telaq l'hemm.*
*__Spettur Lydon Zammit:__ U biex telaq, kif telaq?*
*__Interpretu:__ Mela qed jgħid, viċin Burger King hemm xi kjosk tat-taxi."*[33]

Mitlub jispjega kif filwaqt li qed jgħid li hu mexa lejn il-Burger King fejn hemm it-taxi kiosk, meta l-filmat jurih miexi n-naħa opposta, jgħid li ma jiftakarx. Mistoqsi kif qed jgħid li qatgħa l-biljetti tal-ajru meta qal li hu ma kellux flus fuqu, jwieġeb li  Luigi ħallas għalihom. Peress li d-dokument tiegħu kien fuq dawk li ġew arrestati, Luigi ġab lit-tfajla tiegħu l-għada t-Tnejn, u hi niżlet magħha *identity cards* foloz bla ritratti li imbgħad **għamel ir-ritratt hu**.[34] Dakinhar tal-Ħadd qabdu taxi u bdew iduru biha, marru jieklu w wara li żaru xi postijiet marru jorqdu fi ġnien. It-tfajla ta Luigi waslet it-Tnejn minn Ruma, ġabet l-*identity cards* foloz magħha u wara li daħħlu l-Belt, fejn kien hemm il-parati tal-Karnival, qabdu l-ajruplan tal-5pm lejn Ruma.[35]

Jgħid li fin-nofs siegħa li kienu fil-kamra ma Daniele u Francesco, wara li saret is-serqa, induna li kienu daħħluh f'bawxata w talabhom aktar flus. Jgħid li kienu ser ituh tmien mitt ewro (€800) b'kollox:

*__"Spettur Lydon Zammit:__ tmien mitt ewro (800). Imma, għax wara dis-serqa. Imma x'qalhom? Qalhom daħħaltuni f'xi ħaġa, qal? Kien sorpriż jew ngħid sew li ma kienx? …Kien jaf mela. Ara, ara jekk ma ngħidx sew*
*__Interpretu:__ Qed jgħid, qed jgħid li ma, ma qalhom xejn*
*__Spettur Lydon Zammit:__ li kien jaf li huma ġejjin hawn biex jagħmlu xi ħaġa. Ħadt, ħadt ma kien ħa jtih ħames mitt euro (500) biex jiġi hawn Malta u joqgħod isajjar.*
*__Interpretu:__ Hu qed jgħid: __'iwa għidt jiena li forsi kellhom jagħmlu xi ħaġa.'__*
***Spettur Lydon Zammit: Kien jaf hu. Kien jaf li huma mdaħħlin f'ċirku li jisirqu, ehm arloġġi lussużi.***
***Gennaro Todisco: <u>Si</u>***
*__Spettur Lydon Zammit:__ Jiġifieri hu basar. Hu basar. ... U meta, dawn huma l-airport meta waslu. (L-Ispettur juri lil Gennaro Todisco ritratti) U jidhru li għadu separatament anki fil fl-arrivals hall ma għadux flimkien. U din, min ħareġ biha din l-ideja li ma toqgħodux ħdejn xulxin? Min ta l-instructions? Min kien il-moħħ ta' wara?*
*__Interpretu:__ Luigi e Daniele*

[33] Fol.84
[34] Fol.85-86
[35] Fol.86-87

*__Spettur Lydon Zammit:__ Luigi e Daniele. Hemmhekk qed naqbel miegħu. L-unika ħaġa li m'aħniex naqblu hija waħda … qed jgħid li ġie, kien jaf li hawnhekk ġejjin jagħmlu xi ħaġa, imma kien, hu minn barra kien jaf li ġejjin u b'dak il-mutur li se jikri bid-dokument falz li kienu se jisirqu l-arloġġi. ... Imma il lavorare huwa jisirqu.*
*__Interpretu:__ Hu qed jgħid li ssemma' xogħol imma t-tip ta' xogħol ...*
*__Spettur Lydon Zammit:__ Mela, ituh ħames mitt euro (500) biex isajjar*
*__PS 1255 C Azzopardi:__ ma mar, ma sajjar imkien*
*__Spettur Lydon Zammit:__ u __ma sajjarx, jikri mutu, jikri mutur b'dokument falz__, biljett lura ma kellhomx maqtugħ naqblu? Ħa nibdew b'din, bil biljett lura ma . . . . . sorry*
*__Interpretu:__ Le ma kellhomx*
*__Spettur Lydon Zammit:__ No. Ma kellhomx pjanat meta sejrin.*
*__Interpretu:__ Mela, li tlett ijiem, erbat ijiem, imma ma kellhom l-ebda ġurnata fissa.*
*__Spettur Lydon Zammit:__ tre quattro giorni. Għalhekk, mela ma kellhomx il-biljetti biex jirritornaw, qalulu biex jiġi jsajjar meta Malta mifqugħha żgur ma tiġihomx ħames mitt euro (500), a mangiare*
*__Interpretu:__ għax ma kienx jogħġobhom l-ikel qed jgħid … Dik kien jaf qed jgħid li kienet falza d-dokument."*[36]

Meta telqu minn Malta l-arloġġ kien fuq idejn Luigi iżda jaf li xi qarib ta' Daniele kien ġabu lura Malta. Meta wasslu Ruma, hu qabad it-*train* waħdu w Luigi telaq mat-tfajla tiegħu. L-appartament kien tħallas billi Daniele għadda l-flus lil Francesco peress li kien jitkellem bl-Ingliż.[37]

Ġie preżentat[38] u konfermat[39] il-**Current Incident Report**[40] fejn jintqal kif Soler u t-tfajla tiegħu, huma u deħlin fil-ħanut 'Meats and Eats', raw mutur RQZ ipparkjajt ma ġenb il-ħanut bix-xufier għadu fuq il-mutur liebes *helmet* u *mouth mask*. Raġel ieħor, liebes ukoll *helmet* u *mouth mask*, kien qed idoqq qanpiena ta' blokka appartamenti sitwati maġenb l-imsemmi ħanut: *"Malcolm Soler ...was carrying the bags and when he arrived in the middle of the road, Lara was a few steps in front of him. All of a sudden the motorcycle drove to Dingli Circus and the man on foot came from behind him, grabed the watch and snatched it away."*[41] Soler u t-tfajla tiegħu spjegaw lill-pulizija kif dan il-mutur kien beda jsegwihom minn Tower Road ħdejn il-kafetterija Cara's. Il-mutur kien dar għal warajhom għal Triq Sir Adrian Dingli u baqa' jsuq magħhom fil-qrib fuq l-*inner lane.* Dawk fuq il-mutur baqgħu iħarsu lejhom u b'hekk Soler qabiżhom għax kien skomdu bil-presenza tant qrib tagħhom.[42] Kif wasal ħdejn il-ħanut ipparkja faċċata tiegħu, bil-mutur jipparkja ħdejn trakk tal-ħaxix. Madanakollu x'ħin ħarġu mill-ħanut, il-mutur

---

[36] Fol.88-90
[37] Fol.90-91
[38] Minn Spettur Lydon Zammit a fol.46
[39] **WPC251 Sally Ann Felice** a fol.57
[40] **Dok.LZ** a fol.50 et seq
[41] Fol.52
[42] Ibid.

kien ġie pparkjat ħdejn il-ħanut b'persuna minnhom tkun qed idoqq qanpiena ta' flats biswit il-ħanut li kienu daħlu fih.

**PS965 Maverick Camilleri** spjega kif wara rapport li sar dwar serq ta' Rolex minn persuni fuq mutur bin-numru ta' reġistrazzjoni RQZ383, inbdew l-investigazzjonijiet ma sid il-mutur, Ivan Zammit, biex jiġi kkonstatat min kien krieh. Dan qalilhom li kien krieh ċertu Giuseppe Viscardi. Hekk kif kienu qed jitkellmu ma Zammit, deher raġel fuq mutur li sellem lil Zammit u dan informa lill-pulizija li l-istess bniedem kien mar ma Viscardi biex kera l-mutur. Għalhekk baqgħu mixjin għal l-Strand fejn raw il-mutur VQZ167 ipparkjat u ftit tal-ħin wara avviċinawh tnejn minn nies b'*helmets* f'idejhom. Meta messu mal-mutur huma ġew arrestati. Mill-ewwel għarfu lil dak li kienu raw ftit qabel issellem lil Zammit. Dawn ġew identifikati bħala Daniele Landolfi li minn tfittxija li saret fuqu nstabulu ħames mitt ewro (€500) f'kontanti, ċ-ċavetta tal-mutur VQZ167 u erba' *identity cards* Taljani li jappartjenu lil Daniele Landolfi, Francesco Tanzi, Gennaro Todisco u Luigi Capuano. Ir-ritratt fuq l-id ta' Todisco kien l-istess li kien fuq il-liċenzja tas-sewqan ta' Todisco, iżda bid-dettalji personali jkunu differenti. Fil-basket ta' Tanzi nstab il-card ta' Seven Apartments, San Ġiljan.

Minn tfittxijiet li saru f' Seven Apartments, fejn ġew akkumpanjati minn Tanzi, saru jafu mir-*receptionists* li kien hemm erba' (4) Taljani li kienu qed jirrisjedu f'dak l-appartament. Fl-appartament sabu biss żewġ bagalji b'kollox ippakkjat ġo fihom li kienu jappartjenu lil Tanzi u Landolfi. Ir-*receptionists* infurmawhom li ftit qabel żewġt Taljani oħra kienu ħallew l-appartament.[43]

**PS1337 Kevin Curmi** ikkorrobora l-verżjoni tal-kollega tiegħu PS965 Camilleri. Kompla jispeċifika kif min akkumpanja lil Viscardi (Todisco) biex jikri l-mutur, kien riekeb fuq mutur VQZ167 mikri mingħand Stivala Rentals, li jiġi faċċata tal-ħanut ta' Zammit. Il-mutur VQZ167 kien intlemaħ ipparkjat quddiem Giorgio's. Fil-basket ta' Tanzi instabu ċavetta ta' karozza u oħra ta' mutur, li kienu l-Italja, kif ukoll €500 f'kontanti, l-istess bħal ma nstab fuq Landolfi.[44]

Ġie preżentat faxxikolu ritratti[45] li juru l-lokalitajiet imsemmija f'dan il-każ fosthom fejn kienu qed jalloġġaw l-ħallelin, l-aggressjoni li seħħet fuq Soler u l-post minn fejn inkrew il-muturi. L-*Index* tar-rapport joffri spjega ċara tal-mumenti w lokalitajiet saljenti li mmarkaw dan ir-reat sa mill-wassla tagħhom f'Malta.[46]

---

[43] Fol.98-100
[44] Fol.101-103
[45] **Dok.DR1** a fol.308 fil-proċess **Il-Pulizija vs Daniele Landolfi et**
[46] Fol.7 tal-faxxikolu

**PC1087 Roderick Degiorgio** ippreżenta faxxikolu ritratti bit-*time-line*[47] tal-avvenimenti li wasslu għas-serqa tal-arloġġ kif ukoll ta' dak li seħħ wara, l-istess bħal ma kien għamel fil-proċediment fil-konfront ta' Tanzi u Landolfi, iżda din id-darba bl-attenzjoni tkun iffokata fuq l-imputat odjern.[48] Filwaqt li jirreferi għall-faxxikolu preżentat minnu jixhed: *"Hawnhekk jidher Francesco Tanzi li qed jipprova kemm-il darba jikri l-mutur però jidher li kien hemm xi problema, eventwalment tidher li l-persuna taccetta, xhin qed taccetta fuq barra jkun hemm qed jistennih Gennaro, jidhol Gennaro jipprezenta dokument, dawn issa narawhom f'pagna numru 9 u f'pagna numru 10, id-dokument li jipprezenta li jidher f'pagna numru 11 huwa liċenzja Taljana u fiha hemm wicc li huwa wicc Todisco pero bhala dettalji huma dettalji fittizji għaliex hemm Guzeppe Biscardi*[49]*, u fil-fatt anke l-firma u l-kuntratt li joħroġ bhala fuq il-mutur huwa Guiseppe Biscardi*[50] *u jiffirma f'isem il-, ir-ritratt konna ndunajna li kien Todisco minhabba l-fatt li meta gew arrestati hand Francesco Tanzi kien hemm l-erba' passaporti ghax kien qalilna li kien sejjer jaqta ticket biex imorru lura."*[51]

Proċediment **Il-Pulizija vs Daniele Landolfi et**, allegat ma dawn l-atti[52]

Quddiem din il-Qorti diversament preseduta, fil-proċediment **Il-Pulizija vs Daniele Landolfi et**, l-Ispettur, illum Assistent Kummissarju, Fabian Fleri spjega kif l-investigazzjonijiet wassluhom għall-erba' ħallelin fosthom l-imputat. Il-ħwienet li mingħandhom Todisco kera l-muturi jinsabu qrib xulxin fuq ix-Xatt ta' Tas-Sliema.[53]

Mill-filmati li nġabru mill-Pulizija, irriżulta li l-Ħadd filgħodu għall-ħabta tal-11:30am ħarġu mill-appartament Landolfi u Capuano. Wara s-serqa, wara li l-mutur jiġi pparkjajt il-Bajja ta San Ġorġ, Landolfi jitla' fl-appartament. Capuano jinqabad fil-lift iħares lejn l-arloġġ misruq li qed f'idu w ftit wara jiltaqa' ma Landolfi ħdejn il-bieb tal-appartament u jibqgħu jitkellmu hemm. Minuti wara jasal Todisco, li għandu ċ-ċwievet tal-kamra, u jidħlu ġewwa fejn wara ftit ħin jasal ukoll Tanzi. Wara xi tlett kwarti joħorġu Capuano, Landolfi u Todisco. L-ewwel tnejn jidhru jgħoddu xi flus barra l-appartament, jieħdu b'idejn xulxin u Landolfi jinżel lejn Bay Street u jixtri xi *souveniers* . Tanzi joħroġ ftit wara fejn sussegwentement jiġi arrestat ukoll bħal Landolfi.

[47] **Dok.RD** a fol.108 et seq
[48] Fol.105-107
[49] *Recte:* Viscardi
[50] Ibid.
[51] Fol.106
[52] Vol.II ta' dan il-proċess
[53] Fol.187-188

Madwar siegħa wara l-arrest ta' Tanzi u Landolfi, Capuano u Todisco jidhru jidħlu fl-appartament malajr u joħroġu b'żewġ bagalji.[54] Ġiet esibita CD bit-*time-line* li xehed dwaru.[55]

**Pauline McDonald,** għal ST Rentals, xehdet kif il-mutur VQZ167 inkera minn ċertu Giuseppe Viscardi li kien għaddielha l-liċenzja tas-sewqan tiegħu li hi ppreżentat.[56] Viscardi kien ħalla **mitejn ewro (€200) f'kontanti** bħala *deposit* u ffirma d-dokumentazzjoni[57] li kopja tagħha ġiet esibita minnha!

**Ivan Zammit,** għal Tony Rentals IG Enterprises Ltd., spjega kif kera l-*scooter* RQZ383 lil ċertu Viscardi (fil-verità kien Todisco). Għalkemm kien tkellem ma Tanzi kien Viscardi, l-imputat, li mela id-dettalji tal-kuntratt li ġie ffirmat minnu.[58] Zammit kkonferma **Dok.FF9**.[59]

**PC1087 Roderick Degiorgio** spjega kif wara li nġabru bosta filmati tal-akkwati fejn saret is-serqa kif ukoll filmati oħrajn li kienu ta' rilevanza għall-pulizija, hu kien għamel *download* tagħhom mill-cameras li qabdu l-pulizija. Minn dawn ħejja *time-line* tal-każ billi mill-filmati ħa bosta *stills* u ħareġ il-kronoloġija tal-akkadut. Jispjega kif għall-aktar kjarezza tniżżlu *stills* minn Google Maps; *inter alia* għal *aerial views* kif ukoll ittieħdu *screenshots* ta' postijiet li kienu konnessi mal-każ.[60] It-*time line* jibda mit-22 ta' Frar, 2020, il-jum li fih jaslu Malta l-erba' (4) ħallelin u jżommu lilhom nfushom mbegħdin minn xulxin taparsi ħadd ma jaf lil ħadd![61] It-*time-line* ġie preżentat f'rapport[62] u sar minn disa' (9) CD's li fihom numri ta' filmati.[63]

**Patrick Gatt** xehed li l-appartament li nkera mill-ħallelin kien tħallas minn ċertu Gennaro Todisco għalkemm hu kien tkellem ma Tanzi. Kien l-istess Todisco li ffirma l-kuntratt fejn l-appartament inkera mit-22 ta' Frar sal-25 ta' Frar, 2020.[64]

**PC1337 Kevin Curmi** kien mal-kollega PC965 Maverick Camilleri meta kienu qed jitkellmu ma Ivan Zammit u fid-daqqa w l-ħin, tfaċċa fuq mutur dak li kien ma Viscardi meta nkera l-mutur mingħand Zammit. Wara tfittxijiet raw il-

[54] Fol.193
[55] **Dok.FF5** a fol.202
[56] Fol.284
[57] **Dok.PMD1** a fol.286-290
[58] Fol.293
[59] Fol.209-211
[60] Fol.300-301
[6161] Fol.301
[62] **Dok.RD1** a fol.308
[63] **Dok.RD2**. Vide verbal a fol.295 u Riċevuta Exhibit No. **KA258/2020** a fol.336
[64] Fol.314-316. Kuntratt esibit bħala **Dok.PG1** a fol. 317-318

mutur ipparkjat ħdejn Giorgio's, The Strand u baqgħu jissorveljawh. Malli raw żewġt min nies ser jirkbu fuqu, dawn twaqqfu w ġew mitkellma u sussegwentement arrestati. Fuq Tanzi nstabu dokumenti t' identifikazzjoni tal-erba' li huma fosthom ta Todisco.[65]

### A. *L-Ewwel Żewġ Imputazzjonijiet: Falsifikazzjoni w Użu ta' Dokument Falsifikat*

L-imputat Gennaro Todisco rreġistra ammissjoni in kwantu għall-falsifikazzjoni w l-użu ta' dokument falsifikat.[66]

Mill-provi jirriżulta li f'xejn anqas minn **tlett istanzi** u ċioe fil-kiri tal-*scooters* minn żewġ ħwienet kif ukoll sabiex ħalla Malta, uża dokumenti foloz.

Issa mill-ewwel jiġi sottolinejat li r-reati prospettati bl-artikoli 183 u 184 tal-Kodiċi Kriminali jġorru piena massima ta' priġunerija sa erba' (4) snin hekk kif stipulat bl-artikolu 83A(1) tal-Kodiċi Kriminali. Dan il-fattur dwar il-piena kontemplata għal dawn ir-reati, jakkwista aktar sinifikat meta jiġu kunsidrati r-Raba w l-Ħames Imputazzjoni w ċioe r-reati kontemplati bl-artikolu 83A tal-Kodiċi Kriminali.

*Konklużjoni fuq l-ewwel żewġ imputazzjonijiet*

Fid-dawl tal-provi miġjuba u senjatament l-ammissjoni tiegħu, l-imputat Gennaro Todisco qed jinstab ħati kemm tal-ewwel kif ukoll tat-tieni imputazzjoni.

### B. *It-Tieni Imputazzjoni: Is-Serq*

Kif ġa saret ampja riferenza aktar il-fuq, ma jista' jkun hemm ebda dubbju dwar l-rwol attiv li l-imputat Todisco kellu fl-organizzazzjoni w l-preparamenti għas-serq li kien mistenni jsir minn sħabu. Kien hu li pprovda l-għodda, l-*scooters*, li bihom kellu jitwettaq is-serq meta għamel żewġ kuntratti ta' kirja minn żewġ ħwienet differenti għall-imsemmija *scooters*. Kien hu li daħal f'kirja għall-appartament fejn il-ħallelin sħabu kellhom jalloġġaw.

[65] Fol.319-322

[66] Vide verbal tas-16 ta' Lulju, 2024 kif ukoll is-sottomissjonijiet finali fol.155

Fl-interrogatorju minn tiegħu jasal jikkonferma li kien konxju tal-fatt li sħabu kienu parti minn ċirku li jwettaq serq ta' arloġġi lussużi:

> ***"Spettur Lydon Zammit:*** *li kien jaf li huma ġejjin hawn biex jagħmlu xi ħaġa. Ħadt, ħadt ma kien ħa jtih ħames mitt euro (500) biex jiġi hawn Malta u joqgħod isajjar.*
> ***Interpretu:*** *Hu qed jgħid: 'iwa għidt jiena li forsi kellhom jagħmlu xi ħaġa.'*
> ***Spettur Lydon Zammit:*** *Kien jaf hu. Kien jaf li huma mdaħħlin f'ċirku li jisirqu, ehm arloġġi lussużi.*
> ***Gennaro Todisco:*** *Si"*[67]

L-atteġġjament tiegħu flimkien ma sħabu kif jaslu Malta, li jagħtu l-impressjoni li huma ghal kollox stranġieri minn xulxin, jkompli juri kemm tassew kien hemm il-*common design* bejniethom.

L-evidenza indizzjarja hi waħda mill-aktar b'saħħitha li mhux talli hi univoka iżda sahansitra twassal għall-ċertezza morali li **Gennaro Todisco konsapevolment u volontarjament kien kompliċi fis-serq**. Jirriżultaw manifestament iċ-ċirkostanzi kontemplati bl-**artikolu 42(c) u 42(d)** tal-Kodiċi Kriminali.

Il-fatt li kellu jasal hu fl-appartament biex jagħti refuġju lil Tanzi u Landolfi wara s-serqa, meta dawn ċemplulu biex jiġi jiftħilhom l-appartament għaliex kif hu stess jammetti, sakemm twettqet is-serqa hu baqa fil-viċinanzi tal-appartament li tiegħu hu biss kellu ċ-ċwievet, tkompli ssaħħaħ il-każ tal-prosekuzzjoni dwar il-kompliċità tiegħu fis-serqa:

> ***"Spettur Lydon Zammit:*** *Kien hemm xi raġuni imma għala bdew jistennewk?*
> ***Interpretu:*** *Għax huma qed jgħid li kellhom huma il ċ-ċavetta.*
> ***PS 1255 C Azzopardi:*** *Iċ-ċwievet*
> ***Spettur Lydon Zammit:*** *Alright. Kif kontu tafu li huma rritornaw lura? Jekk huma ma kellhomx ċavetta, mela riedu jistennew lilek, lilkom.*
> ***L-interpretu tinterpreta lil Gennaro Todisco u Gennaro Todisco jwieġeb***
> ***Interpretu:*** *Huma kienu l-burger king*
> ***Spettur Lydon Zammit:*** *Min ċempel?*
> ***Interpretu:*** *u ċemplilhom. Daniele. Danie, Daniele*
> ***Spettur Lydon Zammit:*** *Alright. Colazione lunch*
> ***Interpretu:*** *Le, colazione breakfast, breakfast, breakfast. Mela, hu qed jgħid li hu u Francesco kienu qed jieħdu*
> ***Spettur Lydon Zammit:*** *U marru jiftħulhom*
> ***Interpretu:*** *Mmhmm"*[68]

Dan juri kif sa minn qabel is-serqa kien ippjanat li hu kellu jagħtihom anke l-assistenza w kenn wara is-serqa; ċirkostanza kontemplata anke bl-**artikolu**

---

[67] Fol.88
[68] Fol.81

**42(e) tal-Kodiċi Kriminali** li jipprospetta kif persuna tirrendi ruħha kompliċi meta tkun wegħdet li wara l-fatt tassisti w tieqaf mal-awtur/i tad-delitt.

Issir riferenza għas-sentenza **Il-Pulizija vs Dylan McKay:**[69]

> Illi allura l-appellant li kien prezenti fuq ix-xena tar-reat flimkien mal-ezekutur materjali tad-delitt jista' jitqies illi huwa ko-awtur jew fl-aghar ipotesi bhala komplici, billi, kif inghad, tingieb il-prova tal-allegat ftehim bejnu u bejn persuna wahda jew aktar. Dan ghaliex irid necessarjament jigi ippruvat dak li komunement huwa imsejjah l-'*common design*' bejn l-awturi u/jew l-kompliċi u l-komportament tal-istess irid jindika lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi ikun intenzjonat sabiex l-att kriminuz jirnexxi. Dan il-komportament jew intenzjoni irid jirriżulta mill-inqas mil-bidu tal-eżekuzzjoni tad-delitt miftiehem, mingħajr il-ħtieġa tal-konsumazzjoni kompluta. Dan ghaliex:
>
> **"Il-korreu mhux ristrett ghal dak biss li kien l-esekutur dirett tal-att konsumattiv iżda jikkomprendi anke dawk li jippartecipaw f'kooperazzjoni diretta essenzjali ghall-esekuzzjoni tar-reat[70]."**

*Konklużjoni dwar it-tielet imputazzjoni ta' serq*

Għalhekk fid-dawl tal-provi mressqa, magħdud ma dan it-tagħlim, il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-imputat li r-reat ta' kompliċità ta' serq ma jirriżultax.

In vista tas-suespost il-Qorti qed issib lill-imputat Gennaro Todisco ħati tat-tielet imputazzjoni ta' serq limitatament in kwantu għall-kompliċità tiegħu f'dan id-delitt.

## C. *Ir-Raba w il-Ħames Imputazzjoni: Reati taħt l-Artikolu 83A tal-Kodiċi Kriminali.*

***Circumstantial Evidence***

---

[69] Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imħallef Edwina Grima, Deċiża 29.22.2018; Appell Kriminali numru. 523/2016

[70] **Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter** – Appell Superjuri 14/12/2004. Vide ukoll **Il-Pulizija vs Nazzareno Briffa et,** Deċiża 3 ta' Frar, 1984 (Vol. LXVIII.v.309); Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Salvu Muscat**, Deċiża 9 ta' Novembru, 1957 - Vol. XLI.iv.1484.

Il-ġurisprudenza tgħallem:

> L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghallkonkluzzjoni tiegħu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.[71]

Fid-dawl ta' dan it-tagħlim imiss li jiġu elenkati l-provi saljenti, nkluż dawk indizzjarji, li jwasslu sabiex jinbena kwadru li juri kemm tassew Gennaro Todisco kien **konsapevolment u volontarjament ipparteċipa b'mod attiv fl-attivitajiet kriminali ta' għaqda li bħala għan kellha it-twettiq ta' reat ta' serq kif ukoll l-falsifikazzjoni w l-użu ta' dokumenti foloz**, it-tnejn reati li jġorru piena ta' priġunerija ta l-fuq minn erba' (4) snin priġunerija.

***Provi Indizzjarji u Provi Saljenti***

1. Il-provi juru li Todisco ma kienx ġie Malta biex sempliċiment isuq u jsajjar iżda kellu **rwol attiv fl-organizzazzjoni u l-loġistika** tas-serqa. Dan jirrizulta mill-fatt li għalkemm fiż-żewġ kirjiet kien Tanzi li nnegozja mal-ħwienet rispettivi, **il-ħlas sar minn Todisco bi flus kontanti**[72] meta skond l-istqarrija tiegħu, jgħid li l-appartament ħallsu Landolfi[73] u li hu ma kellux flus għaliex suppost kien ilu bla xogħol tant li għal madwar 6 xhur ma kienx qed iħallas il-kera ġewwa l-Italja!

   Anke il-kuntratti tal-**kirja tal-muturi** ġew iffirmati minn Todisco bl-isem falz ta' Viscardi. Dan juri li f'Malta żgur mhux isajjar u jsuq biss ġie inkarigat li jagħmel! Imma dwar dan id-dettal ma jsemmi xejn fl-istess stqarrija!!

2. Kien ħadd għajr l-imputat Todisco li iffirma l-kuntratt tal-**kirja tal-appartament**, din id-darba bil-karta tal-identità vera tiegħu w mhux bl-isem Viscardi![74]

---

[71] **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri**; Appelli Superjuri; Seduta 5 ta' Lulju, 2002
[72] Fol.190
[73] Fol.90-91
[74] **Dok.FF7** a fol.204

Għalhekk jigdeb fl-istqarrija meta jgħid li kien Daniele Landolfi li ħallas billi għadda l-flus lil Tanzi![75]

3. Għalkemm l-imputat jinsisti li hu ma kienx jaf x'biċċa xogħol kienet ser iseħħ f'Malta, hu w sħabu jidhru jżommu distanza bejniethom biex ma jagħtux x'jifhem li kienu qed jivvjaġġaw flimkien u li kienu jafu lil xulxin.[76]

4. Iżda jiġi tradut minn kliemu stess għaliex fil-ferneżija biex jaħrab minn kull forma ta' ness mal-imputati l-oħra w l-vera skop għaliex ġew Malta jitfixkel u jasal jgħid:

> ***"Interpretu:*** *Hu qed jgħid:* ***'iwa għidt jiena li forsi kellhom jagħmlu xi ħaġa.'***
> ***Spettur Lydon Zammit: Kien jaf hu. Kien jaf li huma mdaħħlin f'ċirku li jisirqu, ehm arloġġi lussużi.***
> ***Gennaro Todisco: Si***
> ***Spettur Lydon Zammit:*** *Jiġifieri hu basar. Hu basar. ...."*[77]

5. Dak li jiddikjara fl-istqarrija ma jagħmel ebda sens u l-ebda persuna b'farka sens komun ma tista' temmen il-ħrejjef ikkuluriti li jispiċċa joħroġ bihom fil-konfużjoni sabiex jżomm mistur il-verità mill-investigaturi.

Fil-fatt Todisco jagħmel lis-segwenti dikjarazzjoni fl-interrogatorju tiegħu. Għalkemm jisħaq li kien jaf li sħabu *"ghandhom xi xogħol iduru bl-scooter, qal imma hu ma kienx interessat ..... Luigi u Daniele qalulu li għandhom xogħol hawnhekk"*.[78]

Matul dawk it-tlett ijiem li kien ser ikun Malta xogħolu kien ser ikun li jikri l-*scooter* u jsajjar.[79] Għalih ma kienitx daqshekk stramba u **seta' jimmaġina li kienet xi ħaġa mhux sew** imma dak iż-żmien kien bla xogħol u kien ilu ma jħallas kera xi 5-6 xhur u għalhekk aċċetta.[80]

Hawn **il-kontradizzjoni.** Jammetti li kien jaf li kien ser isir xi ħaġa mhux legali w peress li kien fil-bżonn il-flus aċċetta jiġi Malta magħhom. Però fl-istess waqt jridna nemmnu li hu kien mingħalih xogħolu jibqa' dak li jsuq *scooter* – u għalhekk kellu bżonn liċenzja falza biex skond hu ma jaqlax ċitazzjonijiet – meta fl-istess nifs jikkonferma li kienu Luigi u

[75] Fol.90-91
[76]Fol.8-12 tal-faxxikolu
[77] Fol.88-90
[78] Fol.70
[79] Fol.71
[80] Fol.72

Daniele li kellhom xogħol Malta liema xogħol kellu jiġi żvolt fuq *scooter*. Allura kif jiġi jgħid li kien hu li ser isuq? **Issajjar jew isuq?**

6. Li qed jintesa hu li nhar is-16 ta' Lulju, 2024, Todisco rreġistra ammissjoni li hu iffalsifika w uża dokument iffalsifikat sabiex inkrew l-*scooters*:

   Dan ifisser li ma sħabu **ġa kien tfassal il-pjan li jsir reat,** u jekk għall-grazzja tal-argument ma kienx jaf bis-serqa (il-Qorti dan assolutament ma temmnux!), ċertament bl-ammissjoni tiegħu, sa mal-wassla tagħhom Malta kien **konsapevoli li kienu ser jintużaw dokumenti foloz u fil-fatt użahom, biex ma jingħad xejn li l-falsifikazzjoni ma kienetx limitata għal firem b'isem Viscardi biss fuq żewġ kuntratti diversi iżda anke in kwantu għall-indirizzi fittizji li taha!!!**

   Reat li jġorr piena ta' erba' (4) snin priġunerija!

7. Fl-atti **Il-Pulizija vs Daniele Landolfi et**[81] ġie esibit dokument minn **Interpol Rome** minn fejn jirrizulta li l-imputat Todisco kien magħruf mal-pulizija tant li f'Napli kien arrestat fis-16.03.2012 għal dikjarazzjoni falza lill-uffiċjal pubbliku. Kien arrestat ukoll f'Ruma sa mit-23 ta' Jannar 2014 sal-15 ta' Awissu 2017 fejn kien taħt *house arrest* u fl-liema perjodu kien anke ħarrab.[82] Il-*Criminal Records* ta' Landolfi u Tanzi miżmuma mill-Ministero Della Giustizia ukoll jinsabu esibiti.[83]

   Dan l-istess dokument juri l-preċedenti ta' dawk li akkumpanjaw lil Todisco f' Malta. Tanzi kien investigat fuq numru kbir ta' każijiet ta' frodi, serq aggravat u theddid; Capuano ġie investigat fuq serq aggravat ta Rolex, pussess illegali ta' armi u tentattiv t'omiċidju ta' uffiċjal pubbliku, serq bl-użu ta armi ħarba minn house arrest; Landolfi fuq serq bl-użu ta armi u diversi każijiet ta' serq aggravat.

   Todisco fl-istqarrija tiegħu jammetti li kien **jaf li dawn l-individwi kienu jwettqu xi atti ta kriminalità** iżda jipprova jikkonvinċi lill-uffiċjali investigattivi li ma kienx jaf x'tip ta' għemil kriminali kienu jwettqu.

   Il-Qorti mhux talli ma temmnux iżda temmen li hu **issieħeb u għażel li jaħdem magħhom f'Malta preċiżament minħabba l-preċedenti tagħhom li kien tassew jaf bihom!**

[81] Vol.II ta' dan il-proċess
[82] **Dok.A** a fol.104
[83] **Dok.DL1** u **Dok.FT1** a fol.337 et seq.

8. Il-biljetti nxtraw f'salt flimkien. Fuq l-ajruplan ħadu *seats* separati minn xulxin. Fl-*arrivals* ħarġu separati u distakkati minn xulxin u hekk baqgħu sa ma ħarġu mill-ajruport sal-mument li qabdu taxi f'daqqa li rriżulta li waslithom Paceville.[84]

   Dan il-fatt waħdu wkoll juri li ma jista' qatt ikun li l-imputat ma kienx konsapevoli dwar dak li kien ser iseħħ f'Malta. *Multo magis* juri li hu kien ħaġa waħda ma sħabu meta ppruvaw josturaw l-għaqda li kienet teżisti bejniethom!

9. Il-fatt li inkrew żewġ muturi mingħand ħwienet differenti wkoll jgħallem, għaliex juri biċ-ċar il-metikolożità li biha Todisco ħaddem biex għemilu jibqa' wieħed diskrett.

   Żgur li **f'dan il-mument li kera żewġ muturi b'ismijiet u dettalji fittizji, kien konsapevoli tal-pjanijiet ta' sħabu.**

   Issa ċertament kien manifest li kien qed jiġi pjanat reat. Pjan li ġie eżegwit bl-akbar attenzjoni li nbeda qabel ma ħallew l-Italja fejn, kif ammetta hu stess, kienet ingħatatlu liċenzja tas-sewqan falza. Iżda anke hawn il-Qorti temmen li gideb l-imputat.

   Żgur **ma kienx xi novizz fil-falsifikazzjoni**! Todisco uża aġilità kbira meta fi kwistjoni ta' sigħat, wara li skond hu, t-tfajla ta' Capuano ġabet dokumenti t'identità foloz bla ritratti, hu irnexxielu jwaħħal ritratt tiegħu biex seta' jitlaq minn Malta wara l-arrest ta' Tanzi u Landolfi!

10. Minn tfittxijiet li saru fuq Landolfi u Tanzi meta ġew arrestati, fuq il-persuna ta' Tanzi nstabu l-erba' passaporti tal-ħallelin inkluż dak tal-imputat Todisco, fejn ir-ritratt tal-passaport kien l-istess ritratt fuq id-dokument ta' Todisco li bih inkrew il-muturi![85]

11. Għalhekk kif qatt jista' jitwemmen li qabel ma siefru lejn Malta hu kien bagħat ir-ritratt tiegħu lil Landolfi[86] biex setgħet issir l-liċenzja falza!

12. Il-verità hi li hu għamel il-falsifikazzjoni tal-liċenzja tas-sewqan, iżda jisħaq li din saritlu bil-ħsieb ikun li jipprova jkompli jallonta ruħu mill-konsapovelzza li kien tassew konsapevoli tal-pjanijiet tal-grupp hawn Malta!

---

[84] Ibid.
[85] Fol.189
[86] Fol.74-75

13. Sinifikanti kien li l-kuntratti tal-kirja tal-muturi inkrew sal-jum tat-Tnejn, l-għada tal-jum li saret is-serqa. Dan ukoll juri kemm kien hemm **pjan preċiż** dwar dak li kellu jsir u l-imputat kellu l-akbar rwol biex dan jiġi attwat.

14. **Minn qatt ġab kok miegħu għall-mawra ta' jumejn**!! Huwa insult għall-intelliġenza li teżi simili ġiet avvanzata!

15. Todisco jammetti li kien hu li iffalsifika w uża dokument falsifikat sabiex jinkrew **iż-żewġ muturi minn żewġ stabbilimenti differenti**. Dan hu fatt li fih innifsu wkoll jitkellem volumi. Minn kollox għamlu biex iżommu kull att, kull pass, distanzjat wieħed mill-ieħor. Altru li nħaddem pjan dettaljat u metikoluż li aktar ma għadda zmien sar ċar bil-bosta għall-imputat jekk qatt jista' jitwemmen li fil-bidu ma kienx jaf.

16. Għal kull buon fini jerġa jiġi emfasizzat li bl-ammissjoni tiegħu stess, hu kien **issuspetta** li kienet ser isir xi ħaġa illegali f'Malta! Ai fini tal-artikolu 83A tal-Kodiċi Kriminali, is-suspett hu biżżejjed:

> **83A.** (1) Kull min –
>
> *(a)* jippromwovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja għaqda bil-ħsieb li jitwettqu reati Kriminali soġġetti għal-piena ta' priġunerija għal żmien erba' snin jew iktar; jew
>
> *(b)* waqt li jkun jaf jew **ikollu kawża raġonevoli li jissuspetta** dwar l-għan jew l-attività b'mod ġenerali tal-għaqda .....

17. Id-dokumenti tal-kirjiet tal-muturi, lkoll iffirmati minn ċertu Giuseppe Viscardi ġew esibiti. L-indirizz mogħti fuq il-kirja mingħand Stivala Rentals hu dak ta' 31, Triq ix-Xagħra *[sic]*, Xagħra u l-mutur kellu jiġi ritornat sas-2pm tal-24 ta' Frar, 2020.[87] Miegħu hemm kopja tal-liċenzja tas-sewqan fuq isem Viscardi.[88]

    Il-kuntratt tal-kirja mingħand I.G. Enterprises Ltd., ukoll iffirmat minn Giuseppe Viscardi, jagħti indirizz differenti f'San Ġiljan – *"Trich Shaira 31 Sant Julien"!!!!*[89] Il-mutur anke f'dan il-każ kellu jiġi ritornat fl-24 ta' Frar, 2020 fit-3pm.[90]

---

[87] **Dok.FF8** a fol.206. Kopja esibita minn rappreżentant ta' Stivala Rentals **Dok.PMD1 a** fol.286 et seq tal-Proċess **Il-Pulizija vs Daniele Landolfi et**. Vol.II ta' dawn l-atti.
[88] Fol.208
[89] Fol.210 tal-Proċess **Il-Pulizija vs Daniele Landolfi et**. Vol.II ta' dawn l-atti. Bla dubbju varjazzjoni imkissra tal-indirizz fittizju tax-Xagħra
[90] **Dok.FF9** a fol.209-211

Jekk ma kien ser isir xejn illeċitu għaliex iffirma b'isem falz u taha żewġ indirizzi foloz??!!

Ir-risposta hi ovvja u ċara kristall. Kien jaf ben tajjeb dak li kien ser iseħħ u ta' l-rwol tiegħu f'dak l-għemil li ġew appożitament f'Malta biex jwettqu!

18. Ċertament il buon sens jiddetta li bil-mod fin u metikoluż li bih saret is-serqa, fejn b'*clockwork precision* wara li wasslu Malta - daqs li kieku kienu stranġieri għal xulxin, krew mutur, għamlu skandaljar u segwiment ta' vettura mhux kwalsiasi iżda Jaguar, aggredew u serqu lil Soler u ħallew ix-xena f'temp ta' ftit minuti - juri li kienu tal-mestier u dan l-għemil qatt ma seta kien wieħed spontaneju. Ghal kuntrarju kollox jindika li kien hemm ċertu esperjenza fih, kien seħħ drabi oħra.

19. Il-kondotta ta Todisco u ta' sħabu wara s-serqa, u senjatament l-isforzi li jkomplu jsiru sabiex fl-ebda ħin ma jidher li dawn l-erba' kienu jafu lil xulxin, tkompli turi li hu insensat li jingħad li Todisco ma kienx jaf x'kien qed isehh. Il-ħallelin jidħlu fl-appartament f'ħinijiet differenti.[91] Jimxu fit-triq mbegħdin minn xulxin u dan dejjem meta Todisco kien qed isegwi il-wassla tat-tlieta l-oħra.[92]

20. Mhux mitluf il-fatt li kien hu li kellu ċ-ċwievet tal-kamra u daqstant iehor il-ħeffa li biha ħallew l-appartament. Dan mhux aġir ta' bniedem li sab ruħu f'bawxata, iżda li kien **kompartecipi attivament fl-ippjanar tar-reat u fl-eżekuzzjoni metikoluża tiegħu!**

21. Wara li sar magħruf li Daniele u Francesco ġew arrestati, Todisco jirritorna fil-kamra din id-darba liebes *hoodie* u jibqa' liebes biha sakemm iħalli l-appartament b'żewġ bagalji; ovvjament biex ma jintarafx. Luigi Capuano qatt ma jirritorna fl-appartament iżda Todisco jieħu ħsieb joħroġ l-effetti personali tiegħu mill-appartament.

22. Ukoll ma jintesix il-fatt li tul id-depożizzjoni tiegħu issemmi kemm il-darba li kienu qed jieklu. Isemmi kif il-Ħadd filgħodu marru jieħdu *breakfast*, kif filgħaxija meta wasslu Malta marru kielu. Dan meta suppost hu ġie Malta biex issajjrilhom!!

Tassew li għemilu u dak ta' sħabu jiżmentixxu l-verżjoni ta' Todisco kif ser jintwera biex b'hekk it-tweġibiet li jagħti huma għal kollox inveritjieri:

[91] Fol.28-30
[92] Fol.32-34

a).Dakinhar li wasslu Malta wara li marru fl-appartament:

***"Spettur Lydon Zammit:** Francesco. U l-ġurnata, imbagħad x'għamlu? Hawnhekk kienet għal xi s-sagħtejn u nofs (14:30hrs), it-tlieta ta' wara nofsinhar (15:00hrs).*
***Interpretu:** Umbagħad marru jieklu qed jgħid. Qed jgħid li marru jagħmlu xi shopping, xirja. Fit fit-triq qed jgħid li hemm xi Pakistani jew Sirilankani xi ħwienet".*[93]

b). Wara s-serqa:

***"Spettur Lydon Zammit:** Alright. Kif kontu tafu li huma rritornaw lura? Jekk huma ma kellhomx ċavetta, mela riedu jistennew lilek, lilkom.*
***Interpretu:** Huma kienu l-burger king*
***Spettur Lydon Zammit:** Min ċempel?*
***Interpretu:** u ċemplilhom. Daniele. Danie, Daniele*
***Spettur Lydon Zammit:** Alright. Colazione lunch*
***Interpretu:** Le, colazione breakfast, breakfast, breakfast. Mela, hu qed jgħid li hu u Francesco kienu qed jieħdu".*[94]

c). Il-Ħadd filgħaxija wara li ħallew l-appartament:

***"Spettur Lydon Zammit:** Mill-Ħadd għat-Tnejn, x'ġara?*
***Interpretu:** Mela hu qed jgħid li qabdu taxi, bdew iduru bit-taxi, marru jieklu x'imkien, żaru żewġ tlett postijiet, umbagħad raqdu."*[95]

Ghalkemm ħallew l-appartament u b'hekk ma kellux fejn "issajjar", ma sab l-ebda diffikultà biex imur ma sieħbu w t-tfajla jiekol barra, u dan meta skond kliemu fl-interrogatorju l-ikel minn ristoranti f'Malta ma kienx jogħġobhom!

23. Il-*helmets* li ntużaw minn Capuano u Landolfi fis-serqa, kienu propju dawk li ngħataw lil Todisco u Tanzi meta Todisco, bl-isem fittizju ta' Giuseppe Viscardi, kera l-mutur mingħand Stivala Rentals fit-22 ta' Frar, 2020.[96]

24. Fl-interrogatorju jgħid li saret liċenzja falsifikata bl-iskop li ma jieħux ċitazzjonijiet iżda minn <u>imkien ma jidher li hu rikeb fuq xi mutur[97].</u>

---

[93] Fol.78
[94] Fol.81
[95] Fol.85
[96] Fol.119 ta' **Dok.RD**.
[97] Fir-ritratt meħud 14:34hrs fit-22 ta' Frar 2020 barra Stivala Tony's Rentals hu Francesco Tanzi li jidher qed isuq il-mutur li kien għadu kif inkera minn Todisco f'isem fittizju ta' Giuseppe Viscardi. Vide fol.16 tad-**Dok.RD1** a fol.308 tal-proċess **Il-Pulizija vs Daniele Landolfi et**. Vol.II.

25. Żewġ muturi mikrija minn Todisco minn żewġ stabbilimenti differenti sar bil-għan li jistgħu jifirxu s-serq biex jidhru mhux konnessi.

Dan juri kemm tassew kien **Todisco li ipparteċipa b'mod attiv fl-attivitajiet kriminali tal-għaqda, meta pprovda il-mezzi materjali sabiex seta jitwettaq ir-reat ta' serq eżatt kif kontemplat bl-artikolu 83A(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali!**

26. Jinqabad f'gidba wara l-oħra meta fl-istqarrija jgħid li kien bżonn il-flus iżda l-provi wrew kif kien hu li ħallas kemm ghal muturi kif ukoll għall-appartament! Iva jsajjar ġie Malta! Jridna nemmnu li kien il-bidillu ta' sħabu meta f'kull pass li sar minn dawn in-nies hu kellu l-**ikbar rwol fl-organizzazzjoni w loġistika** li kellu jsir is-serq li l-istess persuni ħadmu biha!

Tant hu hekk li kien hu li ħallas għal muturi w saħansitra ħalla *deposit*! Fil-fatt Pauline McDonald minn ST Rentals tixhed kif Viscardi kien ħalla **mitejn ewro (€200) f'kontanti** bħala *deposit* u ffirma d-dokumentazzjoni[98]

Minn naħa l-oħra Patrick Gatt xehed li l-appartament li nkera mill-ħallelin kien tħallas minn ċertu Gennaro Todisco għalkemm hu kien tkellem ma Tanzi. Kien l-istess Todisco li ffirma l-kuntratt fejn l-appartament inkera mit-22 ta' Frar sal-25 ta' Frar, 2020.[99]

27. Jerġa jinqabad li hu għal kollox inveritjier meta fl-interrogatorju tiegħu jistqarr li hu pparteċipa fil-kiri ta' wieħed biss. Ta' makkak li hu jgħid dan għaliex il-pulizija kellhom filmat tiegħu jikri l-mutur minn ħanut wieħed biss. Kienu l-provi li wrew kif, kuntrarju għal li jgħid, kien hu li għadda l-liċenzja falza u daħal f'kuntratt ta' kirja fejn anke ħalla deposit f'kontanti!!

> ***Spettur Lydon Zammit:*** *Issa, krejtu żewġ muturi. . . . . . Ħdejn xulxin kienu, il-ħwienet kienu ħdejn xulxin. Inti kont involut fil fil-kiri tal-mutur l-ieħor?*
> ***Gennaro Todisco: No***[100]

28. Għal darb'oħra jigdeb meta fl-istqarrija jisħaq li l-appartament tħallas billi Daniele għadda l-flus lil Francesco peress li kien jitkellem bl-Ingliż.[101] Todisco minn kollox jittenta jagħmel biex jimminimizza l-rwol tiegħu fl-

[98] **Dok.PMD1** a fol.286-290
[99] Fol.314-316. Kuntratt esibit bħala **Dok.PG1** a fol. 317-318
[100] Fol.77
[101] Fol.90-91

avvenimenti li seħħew f'Malta meta huma l-provi li jikxfuħ bħala raġel **totalment inveritjier**. Fil-fatt ġa ntwera mill-kuntratt tal-kirja kif ukoll mix-xiehda ta' Patrick Gatt[102]li kien propju l-imputat li ħallas u daħal f'kuntratt ta' kirja għall-appartament, anke billi uża dokument t'identità f'ismu vera!! **Verament raġel diżonest** fejn il-gideb tiegħu ma jafux limiti.

Gideb intiżi biss biex mingħalih ipinġi lilu nnifsu bħala persuna li kien għal kollox injar minn dak li kien iseħħ!

29. Il-Qorti hi konvinta mir-rwol ta' Todisco tul il-mawra tiegħu f'Malta. Altru milli jservi ta' bidillu kien hu li kellu r-responsabiltà jakkwista l-għodda għas-serqa, il-muturi, kif ukoll li jsib akkomodazzjoni għal grupp.

M'hemmx dubbju li kien hemm il-***common design*** **mal-ħallelin** sħabu biex b'hekk hu sar kompliċi fis-serqa kommessa minnhom.

30. Il-provi jiżvelawh bħala l-persuna li lilu ġie fdat il-kompitu li **jieħu ħsieb il-loġistika ta kif kellu jaħdem il-grupp f'Malta**:

(i) l-appartament inkera fuq ismu veru;

**Patrick Gatt** xehed li l-appartament li nkera mill-ħallelin kien <u>tħallas minn ċertu Gennaro Todisco</u> għalkemm hu kien tkellem ma Tanzi. Kien l-istess Todisco li ffirma l-kuntratt fejn l-appartament inkera mit-22 ta' Frar sal-25 ta' Frar, 2020.[103]

(ii) iċ-ċwievet tal-appartament żammhom hu għaliex Landolfi u Capuano, wara s-serqa, ma setgħux jidħlu fih u kellhom jistennew li jiġi l-imputat jiftħilhom;

(iii) il-kuntratti tal-kiri tal-*scooters* saru fuq ħadd għajru, b'isem u dettalji foloz;

(iv) kien hu li ħallas f'kontanti l-appartament, żewġ *scooters* u d-depożitu għalihom, meta jrid jitwemmen li ma kellux għaxja ta' lejla![104]

---

[102] Fol.314-316. Kuntratt esibit bħala **Dok.PG1** a fol. 317-318
[103] Fol.314-316. Kuntratt esibit bħala **Dok.PG1** a fol. 317-318
[104] Xiehda ta' **Pauline McDonald** u ta' **Ivan Zammit (fol.209-211)**

Fuq dawn ir-riżultanzi, l-Qorti tqis li l-imputat Todisco altru kien konsapevoli li hu w sħabu ġew f'Malta biex iwettqu serq. Kien jaf sew dwar l-attivitajiet illeċiti tagħhom u kien għalhekk li sar minn kollox biex iżommu mistur li kienu qed jivvjaġġaw flimkien, b'dokumenti foloz li kellu juża hu stess biex jinkrew l-għodod li bih kellha titwettaq l-attività illeċita tal-għaqda.

Il-provi indizzjarji huma univoċi w jippuntaw lejn konklużjoni waħda: **Gennaro Todisco.**

**Hu kien parti integrali ta' din l-għaqda, ipparteċipa b'mod mill-aktar attiv fl-fl-attività illeċita tagħha skond kif kontemplat bl-artikolu 83A(1) tal-Kodiċi Kriminali.**

Iktar minn hekk, dawn l-istess provi wrew b'mod inkonfondibbli li Gennaro Todisco kien **jappartjeni għal din l-għaqda kif prospettat bl-artikolu 83A(2)** tal-Kodiċi Kriminali.

Anzi, jista' jingħad li f'Malta kellu l-mazz f'idejh, bi sħabu kollha jkollhom rwol predeterminat sabiex seta' jiġi attwat il-pjan malinn tagħhom. Kien biss l-azzjoni f'waqtha tal-pulizija li wasslet sabiex tnejn minn sħabu ġew arrestati wara biss sagħtejn mis-serqa u daqstant iehor kien provvidenzjali li huma għaddew minn quddiem il-ħanut li krew l-*scooter* propju fil-ħin li kien hemm il-pulizija li ma ħallewhomx minn taħt għajnejhom sakemm arrestawhom.

*Reati li jġorru piena ta' Erba' (4) Snin jew Aktar*

Ir-reati li kellha l-ħsieb twettaq, u fil-fatt wettqet, l-għaqda u senjatament l-imputat, jġorru piena massima ta' priġunerija ta' erba' (4) snin jew aktar skond kif kontemplat bl-artikolu 83A(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali. Artikolu li jesiġi li l-piena għall-reati li l-għaqda jkollha ħsieb li twettaq irid ikun soġġett għal-piena ta' priġunerija ta' erba' (4) snin jew aktar.

I. Ir-Reat ta' Serq.

Ir-reat ta' serq hu wieħed li hu aggravat bil-valur tenut kont li l-arloġġ kien jiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94). Soler jixhed fil-fatt li l-arloġġ kien assikurat għas-somma ta' €27,100.[105]

[105] Fol.34

L-artikolu 279 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi:

> (*b*) jekk il-valur tal-ħaġa misruqa jkun iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), il-piena ta' priġunerija għal żmien minn tlettax-il xahar sa seba' snin

Għalhekk dan ir-rekwiżit hu sodisfatt in kwantu għar-reat ta' serq.

II. Falsifikazzjoni w Użu ta' Dokument Falż

Li qed jintesa hu li nhar is-16 ta' Lulju, 2024, Todisco rreġistra ammissjoni li hu uża dokument iffalsifikat sabiex inkrew l-*scooters*:[106]

Kif ġa ntqal, minn hawn jirriżulta manifestament kif Todisco kien ġa miftiehem ma sħabu li f'Malta kien ser iseħħ **attività illeċita, ibda bl-użu nnifsu ta' dokument falsifikat, il-liċenzja tas-sewqan, li kien jaf li kien ser juza u dwar dan ma jirriżultawx inċertezzi għax hu stess jammetti li għamel dan biex, skond hu ma jaqlax ċitazzjonijiet fuq ismu vera**!!

> **183.** Kull persuna oħra li tagħmel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi toħloq pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi ddaħħal dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żżid jew tbiddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' priġunerija minn tlettax-il xahar sa erba' snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha.
>
> **184.** Kull persuna li xjentement tagħmel użu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu, teħel, meta tinsab ħatja, il-piena stabbilita għall-awtur tal-falsifikazzjoni.

M'hemmx dubbju li l-dokumenti t'identità kif ukoll liċenzji tas-sewqan huma dokumenti pubbliċi. Todisco jammetti li biex ħalla Malta iffalsifika dokument billi weħel ir-ritratt tiegħu fuq dokumenti li ġabet magħha it-tfajla ta' Capuano:

> *"**Spettur Lydon Zammit:** U x'dokument użajt għax id-dokument kien għand il-pulizija?*
> ***Interpretu:** U qed jgħid li Luigi ġab lil girlfriend tiegħu minn minn l-Italja ......*
> ***Spettur Lydon Zammit:** Alright. Umbagħad x'ġabet magħha? Jien dik ma fhimtx x'ġabet magħha bħala .....*
> ***Interpretu:** Mela, ġabet ID cards foloz mingħajr ir-ritratti. Umbagħad għamlu, hu qed jgħid*
> ***Spettur Lydon Zammit:** Fi żmien il-karnival*

[106] Fol.141

*Interpretu: Alright, hu qed jgħid, hu qed jgħid x'imkien il-Belt kien hemm xi parati eżatt u għamlu xi*
*Spettur Lydon Zammit: Jiftakar l-isem li kien il-passaport jew il-karta ta' l-identità', x'kien passaport jew karta ta' l-Identita'?*
*Interpretu: Le ma jiftakarx qed jgħid għamlu il x'jismu il ir-ritratt u il x'jismu, eh fuq il, fuq id-dokument u qabdu l-ajruplan f'xil-ħamsa ...".*[107]

**Il-parteċipazzjoni tal-imputat kienet f'għaqda li bħala għan kellha t-twettiq tar-reat ta' falsifikazzjoni u mhux biss dak ta' serq li ma hemmx dubbju kien aggravat bil-valur! Reati li jissodisfaw il-vot tal-liġi sabiex jimmaterjalizza r-reat kontemplat bl-Artikolu 83A tal-Kodiċi Kriminali.**

Ġurisprudenza

Fis-sentenza **The Police vs Alexandros Konstantinos Alexandros** din il-Qorti, kif diversament preseduta, ikkunsidrat:[108]

**Charges under Article 83A of the Criminal Code**

The accused was charged by means of the first and second charges under Section "A" of the summons with belonging to a criminal organisation. In the note filed on the 13th February 2006 sending the accused for trial before this Court, the Attorney General indicated the provisions of Article 83A of the Criminal Code.

*(1) Any person who-*

*(a) promotes, constitutes, organises or finances an organization with a view to commit criminal offences liable to the punishment of imprisonment for a term of four years or more; or*

*(b) knowing or having reasonable cause to suspect the aim or general activity of the organization set up for the purpose mentioned in paragraph (a), actively takes part in the organisation's criminal activities, including but not limited to the provision of information or material means or the recruitment of new members,*

*shall be guilty of an offence and shall liable, on conviction, to the punishment of imprisonment for a term from four to nine years.*

*(2) Any person who belongs to an organisation referred to in sub-article (1) shall for that mere fact be liable to the punishment of imprisonment for a term from two to seven years.*

Then, sub-article (4) of Article 83A, envisages the responsibility and corresponding punishment in the event where the person found guilty of the said offence is the director, manager, secretary or other principal officer of a body corporate or is a person having a power of representation of such a body or having an authority to take decisions on behalf of that body or having authority to

[107] Fol.85-86
[108] Per Onor. Maġistrat Dr. Rachel Montebello; Case No.: 512/2005. Deċ. 20.03.2023

exercise control within that body and the offence of which that person was found guilty was committed for the benefit, in part or in whole, of that body corporate.

This crime corresponds to the crime known as "associazone per delinquere" found in the Italian penal code and in respect of which, jurist Francesco Antolisei made the following observations:-

> *"La ratio di questa incriminazione e' palese: l'esistenza di un'associazione per delinquere suscita inevitabilmente allarme nella popolazione e, quindi, di per se' sola, e cioe' indipendentemente dai delitti che siano commessi, determina un perturbamento dell'ordine pubblico."*
>
> *…*
>
> *A) "Associazione" non equivale ad "accordo", come si puo' rilevare dal confronto dell'art. 304 con l'art 305 (infra n. 240). Affinche' esista associazione occorre qualche cosa di piu': e' necessaria l'esistenza di un minimum di organizzazione a carattere stabile, senza che, pero', occorra alcuna distribuzione gerarchica di funzioni. La forma di organizzazione adottata e' indifferente, tanto piu' che, trattandosi di un'attivita' illecita, e' ben naturale che di regola si rifugga dalla tipiche forme associative. Non occorre neppure che esista ripartizione di gradi u gerarchia di funzioni, perche' la presenza di capi costituisce una mera eventualita'. Il carattere stabile del vincolo associativo da' al reato in parola la netta impronta del delitto permanente. Su cio' nessun dubbio e' consentito.*
>
> *B) Obiettivo dell'associazione deve essere la commissione di piu' delitti (non di contravvenzioni). In altri termini, si esige che l'associazione abbia come scopo l'attuazione di un programma di delinquenza, e cioe' il compimento di una serie indeterminata di delitti. Associarsi per commettere un solo delitto non integra la fattispecie in esame. A differenza nel codice Zanardelli (art. 248), non si richiede che gli associati abbiano di mira alcune specie di delitti piuttosto che altre. Pure irrilevante e' che i delitti in programma siano della stessa specie oppure di specie diversa a che tutti o alcuni di essi siano perseguibili a querela. La molteplicita' dei delitti non e' esclusa allorche' questi sono collegati dal nesso della continuazione. … occorre che tra le finalita' dell'associazione vi sia qualle di realizzare determinate fattispecie criminose." [enfasi tal-Qorti]*

As far as the difference between this crime and the crime of conspiracy envisaged under Article 48A of our Criminal Code, with which the accused is also being charged and which requires proof of a common agreement to commit determined crimes, Antolisei explains thus:-

> *"L'associazione per delinquere presenta qualche affinita' con la compartecipazione criminosa, ma ne differisce profondamente. Nel concorso di persone, infatti, l'accordo fra i compartecipi e' circoscritto alla realizzazione di uno o piu' delitti nettamente individuate, commessi i quali l'accordo medisimo si esaurisce e, quindi, viene meno ogni pericolo per la comunita'. Nell'associazione a delinquere, invece, dopo l'eventuale commisione di uno o piu' reati, il vincolo associative permane per l'ulteriore attuazione del programma di delinquenza prestabilito e, quindi, persiste quell periodi per l'ordine pubblico che e' caratterestica essenziale del reato."* [109]
> *[emfasi tal-Qorti]*

[109] **Francesco Antolisei**: Manuele di Diritto Penale Parte Speciale Pag 228 – 232.

> It is incumbent on the Prosecution to prove that the accused knowingly formed part of or performed any of the acts mentioned in Article 83A(1) within or for, a criminal organisation. The Court therefore expects to find evidence of an pre-existining association consisting of at least two persons and which is established for the purpose of executing indeterminate but serious crimes, and also proof of a clear nexus between the accused and the said organisation. This nexus must be shown through evidence that the agent of the offence either actively participated in the organisation's criminal activities or evidence that he promoted, orgnised or financed the organisation itself or even merely belonged to the organisation, the latter attribute deserving of a lesser punishment.

Sentenza fejn, din il-Qorti kif diversament preseduta, kellha quddiema provi mhux tant differenti minn dak li ġew preżentati f'dawn il-proċeduri, u għamlet eżami *funditus* tar-elementi sostantivi tar-reati kontemplati bl-Artikolu 83A tal-Kodiċi Kriminali, kienet propju dik fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Elguja Bzikadze**:[110]

> Ir-reat taht l-Artikolu 83A jehtieg biex jissussisti, prova ta' ghaqda ta' persuni organizzata bi pjan u bl-iskop li jigu kommessi delitti b'mod generali u l-ligi tippunixxi kull min jippromwovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja din l-ghaqda ta' żewġ persuni jew izjed, kif ukoll kull min semplicement jappartjeni ghal tali ghaqda bla ma jkun involut fit-twaqqif, organizzazzjoni jew finanzjar taghha. Il-ligi taghna ma tehtiegx li l-ghaqda tkun kostitwita min-numru specifiku jew aktar, ta' persuni u ghalhekk, isegwi illi l-ghaqda ghall-fini tal Artikolu 83A tista' tkun kostitwita anke minn żewġ persuni biss. Il-ligi, iżda, tiddistingwi bejn l-agent illi jippromwovi l-assoccjazzjoni, cioe` jwaqqafha jew li jorganizzaha; dak illi jikko-ordina l-attivita` tas-socji individwali taghha biex jassigura l-efficjenza u l-izvilupp taghha; dak li jiffinanzja l-ghaqda billi jipprovdi mezzi finanzjarji ghall-iskop ta' din l assocjazzjoni u dak li semplicement jippartecipa lil din l-assocjazzjoni kriminuza.
>
> Issa fil-każ odjern il-provi li gew dettaljati mill-Qorti iktar qabel f'din is sentenza, juru illi l-erba' persuni ta' nazzjonalita` Gorgjana li gew arrestati fl istess gurnata li gie arrestat l-imputat - li kienu lkoll residenti f'żewġ appartamenti gewwa l-istess blokka fejn instab res furtiva provenjenti minn erbatax-il serqa differenti40 kif ukoll il-baskett bid-dokumenti tal imputat - gew ipprocessati u kkundannati ghal uhud mis-serqiet addebitati wkoll lill-imputat f'din il-kawza, kif ukoll ghall-partecipazzjoni taghhom f'assocjazzjoni kriminali41. Ghall-Qorti, fil-kumpless tal-provi kollha akkwiziti f'dan il-proċess, hija sodisfatta li kien gie effettivament kostitwit ghaqda bejn dawn il-persuni bil-hsieb deliberat li jikkommettu delitti ta' serq minn diversi residenzi madwar Malta42. Imbaghad, mix-xhieda tad-diversi vittmi li xehdu quddiemha, il-Qorti tqis li hu wkoll ovvju li fil-mira ta' din l ghaqda ta' delinkwenti kienu dawk ir-residenzi li ma kienux okkupati b'mod regolari ghaliex is-sidien kienu lkoll residenti temporanjament f'lok iehor jew kienu msefrin43.
>
> Mill-assjem tal-provi, inkluz dawk cirkostanzjali, il-Qorti mhux talli fehmet illi dawn il-persuni li kienu <u>jirrisjedu flimkien</u>, <u>kienu iffurmaw bejniethom jew bejn uhud minnhom, assocjazzjoni kriminuza bi pjan imfassal ghall-kommissjoni ta' diversi serqiet</u> madwar Malta, talli tirravviza l-ezistenza ta' rabta manifesta bejn l-imputat u dawn il-persuni, b'mod partikolari Gabriel Jabashanuri u Giorgi Bujiashvili. Wara li gharblet il-provi, il-Qorti tinsab konvinta illi <u>l-imputat gie Malta unikament bl-iskop li jinghaqad ma' dawn il-persuni u biex jipparteċipa fil-perpetrazzjoni ta' whud mis-serqiet organizzati minnhom, liema serqiet sehhew fil-maggoranza taghhom, wara li l-imputat wasal Malta</u>.

[110] Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali; Seduta 14 ta' Jannar 2021; Kump. Nru. 556/2018 Per Onor. Maġistrat Dr. Rachel Montebello

Biex waslet ghal din il-konkluzjoni l-Qorti hadet qies tar-rizultanzi tal-provi, kif ampjament dettaljati iktar qabel, fosthom il-fatt illi baskett kontenenti dokumenti li evidentement jirrigwardaw lill-imputat u l-vjagg tiegħu lejn Malta, instab fl-appartament fejn kienu jirrisjedu dawn l-istess persuni44. **Id-diversi rabtiet bejn l-imputat u dawn il-persuni m'humiex, fil-fehma tal-Qorti, serje ta' kumbinazzjonijiet sfortunati, iżda evidenza cirkostanzjali univoka u impellenti li, mehuda u evalwata kumplessivament, twassal ghall-konvinciment morali illi l-imputat kien parti minn assocjazzjoni kriminuza. Fuq kollox, il-provi juru illi l-imputat ghen materjalment fl-organizzazzjoni u jew twettiq ta' whud mid delitti orkestrati minn din l-assocjazzjoni ta' kriminalita` organizzata** billi, inter alia, kera żewġ vetturi li entrambi kienu manifestament involuti b'xi mod fil kommissjoni ta' whud mis-serqiet, kif ukoll billi xtara flimkien ma' persuna ohra assocjata f'din l-ghaqda, diversi ghodod tax-xorta li jintuzaw f'serqiet bi sgass u dan biss jumejn wara l-wasla tiegħu gewwa Malta. Ghalkemm l imputat innega li huwa kien jaf lil dawn il-persuni u ma kienx qed jirrisjedi maghhom gewwa Solair Flats (fejn instabu oggetti misruqin gejjin min-numru ta' serqiet differenti), il-Qorti, mill-kumpless tal-provi u cirkostanzi senjatament il-partecipazzjoni evidenti tal-imputat f'uhud mis-serqiet45 li ghalihom gew ikkundannati wkoll l-erba' persuni l-ohra li kienu jifformaw parti minn din l-ghaqda kriminuza, hija sodisfatta li kuntrarjament ghal dak li sostna waqt l-interrogazzjoni, l-imputat ma giex Malta ghal btala jew biex ifittex impieg, iżda **gie Malta specifikatament bil-hsieb li jassocja ruhu ma' dan il grupp ta' kompatrijotti fit-twettiq ta' serq b'mod generali** minn residenzi f'postijiet varji f'Malta. 44 Jigi mfakkar li meta l-imputat gie arrestat, ma nstab l-ebda baskett bi hwejjeg personali fil-pussess tiegħu. .....

Fir-rigward, wiehed ma jistax ma jzdix mal-assjem tac-cirkostanzi tal-każ, il kontradizzjonijiet netti u t-tahwid shih fit-twegibiet tal-imputat waqt l interrogazzjonijiet tiegħu mill-Pulizija, senjatament dwar l-iskop taz-zjara u l post tar-residenza tiegħu gewwa Malta, il-fatt illi huwa ghamel numru ta' bookings ta' tijiriet ghal u minn Malta f'dati differenti46 u bookings f'lukandi li qatt ma rrisjeda fihom, il-fatt li kera żewġ vetturi f'perijodu daqshekk qasir li kien ilu Malta, kif ukoll il-fatt li l-imputat evidentement gie fil-pussess ta' flus f'dan il-perijodu minghajr ma kellu ebda impjieg gewwa Malta47 tant illi baghat is-somma ta' €950 lil xi qarib tiegħu gewwa Georgia.

Madanakollu, m'hemmx provi li juru li kien l-imputat li waqqaf din l assocjazzjoni jew li kien qed jorganizza l-attivitajiet kriminali li kellhom jitwettqu mill-membri taghha. Ghall-kuntrarju, mill-provi huwa stabbilit li din l-ghaqda kienet attiva u qed topera anke qabel il-wasla tal-imputat f'Malta48. **Huwa minnu li l-imputat kera żewġ vetturi f'ismu u hallas huwa stess l-ispejjez tal-kiri fis-somma totali ta' €300 f'kontanti49 - vetturi li jidher li ntuzaw ghat twettiq jew ghall-ippjanar ta' mill-inqas żewġ serqiet50 – iżda fil-fehma tal Qorti din il-funzjoni, ghalkemm ghandha titqies bhala rwol determinanti fl assocjazzjoni, m'hijiex tal-entita` tali li twassal ghal prova ta' finanzjament jew organizzazzjoni tal-ghaqda kriminuza da parti tal-imputat ghall-fini tar-reat mahsub fil-paragrafu (a) tal-Artikolu 83A tal-Kap. 9.** 46

Fl-istess waqt iżda, hu manifest li bil-kiri taz-zewg vetturi kif ukoll bix-xiri ta' ghodod51, **l-imputat ikkollabora mal-membri l-ohrajn tal-ghaqda billi assistihom bl-ghoti ta' mezzi materjali ghall-fini tal-attivitajiet kriminali tal-ghaqda kostitwita, cioe` t-twettiq ta' delitti ta' serq**52. B'zieda ma' dan, billi l-imputat ippartecipa materjalment f'uhud mis-serqiet individwali kommessi mill-ghaqda, tissussisti prova sodisfacjenti li tikkonvinci lill-Qorti moralment illi l-imputat kien jaf u f'kull każ kellu kawza ragjonevoli li jissuspetta dwar l-attivita` b'mod generali tal-ghaqda.

Dan ifisser illi l-azzjonijiet tal-imputat kif jirrizultaw mill-kumpless tal-provi u cirkostanzi tal-każ, jinkwadraw sfiq fid-definizzjoni tar-reat taht l-Artikolu 83A(1)(b) anke ghaliex huwa ppruvat illi s-serqiet li gew kommessi minn din l ghaqda ta' persuni - talanqas dawk is-serqiet li qed jigu

addebitati lill-imputat f'dawn il-proċeduri - huma kwalifikati bil-valur li jeccedi s-somma ta' €2,394.34 kif ukoll bil-mezz u ghaldaqstant, ir-reati kriminali li jifformaw il hsieb tal-assocjazzjoni kriminuza, huma punibbli bi prigunerija ghal zmien erba' snin jew iktar.

Billi r-reat mahsub fl-Artikolu 83A(2) tal-Kap. 9, addebitat lill-imputat permezz tat-tielet akkuza, huwa provenjenti mill-istess fatt li ta lok ghar-reat mertu tat tieni akkuza taht l-Artikolu 83A(1) tal-istess Kap. 9, cioe` l-partecipazzjoni b'mod attiv f'assocjazzjoni kriminuza, tissussisti necessarjament il-konkorrenza formali bejn iz-zewg reati u pieni taht l-Artikolu 83A(1)(b) u dak taht l-Artikolu 83(2) tal-Kap. 9 u ghandha ghalhekk tinghata l-piena ghar-reat l-iktar gravi taht l-Artikolu 83A(1)(b).
[Emfasi u sottolinejar tal-Qorti]

L-artikolu 83A tal-Kodiċi Kriminali li kien ġie promulgat bl-**Att III tal-2002** ġie sostitwit bl-**Att XIV tal-2014** sabiex Malta tittramanda fid-Dritt Penali tagħha **Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/841/ĠAI** dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata.[111]

Fil-fatt fl-*"Għanijiet u Raġunijiet"* tal-**Abbozz Nru. 53 tal-2014** jingħad is-segwenti:

L-għanijiet ta' dan l-Abbozz ta' Liġi huma biex jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/675/ĠAI dwar il-konsiderazzjoni ta' kundanni fi Stati Membri tal-Unjoni Ewropea waqt proċeduri kriminali ġodda, biex timplimenta d-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/841/ĠAI dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, biex timplimenta d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI dwar it-titjib tal-koperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali.......

Id-**Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/841/ĠAI** ċitata fl-**Abbozz Nru 53 tal-2014** hemm provdut:

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni Kwadru:

(1) "organizzazzjoni kriminali" tfisser assoċjazzjoni strutturata, stabbilita tul perjodu ta' żmien, ta' aktar minn żewġ persuni u li jieħdu azzjoni b'mod konċertat sabiex iwettqu reati punibbli bi priġunerija jew b'ordni ta' detenzjoni ta' massimu ta' mill-anqas erba' snin jew b'piena aktar serja, sabiex tieħu, direttament jew indirettament, vantaġġ finanzjarju jew vantaġġ materjali ieħor;

(2) "assoċjazzjoni strutturata" tfisser assoċjazzjoni li ma tkunx iffurmata każwalment għat-twettiq immedjat ta' reat u li **ma teħtieġx li jkollha rwoli formalment definiti għall-membri tagħha, kontinwità fil-kompożizzjoni tagħha jew struttura żviluppata.**[112]

---

[111] **Council Framework Decision 2008/841/JHA on the Fight against Organised Crime.**
[112] For the purposes of this Framework Decision:
1. 'criminal organisation' means a structured association, established over a period of time, of more than two persons acting in concert with a view to committing offences which are punishable by deprivation of liberty or a detention order of a maximum of at least four years or a more serious penalty, to obtain, directly or indirectly, a financial or other material benefit;

Hija l-istess diċitura li tinsab fil-*United Nations Convention against Transnational Organized Crime* li Malta hi parti għaliha, bid-differenza tkun li taħt din il-Konvenzjoni il-grupp irid ikun magħmul minn tlieta jew iżjed kuntrarjament għad-Deċiżjoni Kwadru Ewropeja u l-liġi nostrana fejn hu biżżejjed li l-persuni għandhom ikunu tnejn jew iktar.

L-artikolu 2 tal-Konvenzjoni jipprovdi:

Article 2.

Use of terms

For the purposes of this Convention:

(a) "Organized criminal group" shall mean a structured group of three or more persons, existing for a period of time and acting in concert with the aim of committing one or more serious crimes or offences established in accordance with this Convention, in order to obtain, directly or indirectly, a financial or other material benefit;

(b) "Serious crime" shall mean conduct constituting an offence punish able by a maximum deprivation of liberty of at least four years or a more serious penalty;

(c) "Structured group" shall mean a group that is not randomly formed for the immediate commission of an offence and that does not need to have formally defined roles for its members, continuity of its membership or a developed structure; ...

Il-provi juru biċ-ċar u senjatament il-mod li bih aġixxa l-grupp ta' erba' (4) persuni li ħalla l-Italja u sal-wassla tiegħu Malta, il-membri tiegħu, ġa muniti sa mill-inqas b'dokument iffalsifikat ta' Todisco (li kien ser jippermettilhom josturaw il-vera identità ta' dak li fuq ismu kienu ser jinkrew il-muturi), magħdud mal-fatt li kemm fuq l-ajruplan kif ukoll tul il-ħin kollu sakemm ħarġu mill-ajruport baqgħu distanzajti minn xulxin bil-għan li ma jurux li kienu flimkien jew sahansitra li kienu jafu lil xulxin, jindikaw li din ma kienitx l-ewwel darba li wettqu għemil simili, wrew arti w esperjenza fil-mod kif operaw!

L-aġilità li organizzaw wriehom **f'temp ta sagħtejn** hi turija ċara li dan kien riżultat ta' pjanar li kien nbeda fl-Italja. Fil-fatt **f'ħin rekord ta' sagħtejn** mill-wassla tagħhom meta dawn jidhru ħierġin mill-*arrivals* fil-11:59hrs[113], fi kliemu wara li raw xi appartamenti u għażlu dak ta Apartment Seven *"le, qatt ma kienetx*

2. 'structured association' means an association that is not randomly formed for the immediate commission of an offence, **<u>nor</u> does it need to have formally defined roles for its members, continuity of its membership, or a developed structure.**

[113] Vide ritratt paġna 8 ta' **Dok.RD1** a fol.308 tal-atti **Il-Pulizija vs Daniele Landolfi et**. Vol.II

*pre-booked, marru jsaqsu xi żewġt tlett postijiet"*[114], u wara li qabdu taxi minn ħdejn il-Burger King, viċin l-appartament,[115] sas-2pm kienu l-Strand fejn krew mutur mingħand Stivala Rentals bil-ħin indikat fuq ir-*rental agreeement*![116]

Il-provi jimmanifestaw mingħajr ombra ta' dubbju li Todisco kellu rwol li jorganizza l-loġistika ta' dak li kellu jseħħ Malta. Minbarra li iffalsifika liċenzja tas-sewqan bil-ħsieb li jużah għal kirja ta' muturi, kif fil-fatt għamel u li dwar dan l-għemil irreġistra ammissjoni, Todisco ħa fuqu r-responsabbiltà biex jikri l-appartament – f'ismu veru ġaladarba li jinkera appartament ma kellux rabta mas-serq li kien proġettat iseħħ f'Malta.

> ***"Interpretu: Ma kellux flus biex iħallas***[117] ***....dak il-ħin hu ma kellux xogħol, kellu anke xi problemi ma kienx .....[. . .] hu qed jgħid li forsi seta' jimmaġina li kienet xi ħaġa [kriminali], qal imma dak iż-żmien ma kellux tipo xogħol u kien ilu ma jħallas il-kera tiegħu xi ħames (5) jew sitt (6) xhur."***[118]

Todisco tul l-istqarrija minn tiegħu jipprova jaghti x'jifhem li hu issoġġetta ruħu ghal pjanijiet tal-grupp u ma kellu l-ebda rwol fl-ippjanar tas-serq li kellu jsir hawn Malta. Iżda l-provi igiddbuh għaliex filwaqt li fl-istqarrija jgħid li ma kellux dokument awtentiku fuqu, mill-provi jirrizulta li l-liċenzja tas-sewqan f'ismu ċioe f'isem Gennaro Todisco, ingħatat bħala prova tal-identità tiegħu fil-kiri tal-appartament.[119] Kienet l-istess karta tal-identità li nstabet fuq Tanzi meta ġie arrestat!

Dak il-kuntratt juri li Todisco ħallas mitejn ewro (€200) f'kontanti[120] kif l-istess għamel meta ħallas lil Stivala Rentals tmienja u erbghin ewro (€48) [121] flimkien ma mitejn ewro deposit[122] ukoll f'kontanti. Lil I.G. Enterprises Ltd kien l-istess imputat (taħt l-*alias* Viscardi) li ħallas sittin ewro (€60) f'kontanti.[123]

L-għemil ta' Todisco **jikxfu l-parteċipazzjoni attiva w konsapevoli f' koordinament u kollaborazzjoni stretta ma tliet persuni oħra, f'din l-għaqda.**

**Ma** jifdalx dubbju li mhux talli kellu kawża raġonevoli li jissuspetta dwar l-għan jew l-attività b'mod ġenerali tal-għaqda, **iżda addirittura kien konxju u**

---

[114] Fol.74
[115] Stqarrija a fol.73
[116] **Dok.PMD1** a fol.286 et seq tal-atti **Il-Pulizija vs Daniele Landolfi et.** Vol.II
[117] Fol.70
[118] Fol.72
[119] **Dok.PG1** a fol.317-318 tal-atti **Il-Pulizija vs Daniele Landolfi et.** Vol.II
[120] **Dok.PMD1** a fol.286 et seq tal-atti **Il-Pulizija vs Daniele Landolfi et.** Vol.II
[121] Ibid.
[122] Fol.288 tal-atti **Il-Pulizija vs Daniele Landolfi et.** Vol.II
[123] Fol.210 tal-atti **Il-Pulizija vs Daniele Landolfi et.** Vol.II

**kien jaf tassew bl-għan u attività tagħha u ċioe li twettaq reati ta' serq, falsifikazzjoni ta' dokumenti w l-użu tagħhom.**

L-rwol tiegħu kien li pprovda mezzi materjali biex sar is-serq u ċioe il-falsifikazzjoni tal-liċenzja tas-sewqan li biha nkrew iż-żewġ muturi, il-kirja tal-appartament fejn alloġġaw u li serva bħala l-bażi tagħhom f'Malta, lkoll wasslu biex b'hekk immaterjalizza fil-konfront tal-imputat, ir-reat prospettat bl-artikolu **83A(1)(b)** tal-Kodiċi Kriminali.

*Multo magis*, l-istess provi imbgħad anke jikkonvinċu lil Qorti li Todisco kien **jappartjeni għal din l-għaqda** kif kontemplat bl-artikolu **83A(2)** tal-Kodiċi Kriminali.

Ir-reati li kellhom pjanat kien ir-reat ta' serq fejn tenut kont li dan is-serq kien aggravat bil-valur il-piena kontemplata għall-imsemmi reat teċċedi dik ta' erba' (4) snin skond kif dettat mill-artikolu 83A(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali.

L-istess jingħad għar-reat ta' **falsifikazzjoni ta' dokument** li sar in kwantu għall-liċenzja falsifikata tal-imputat w **l-użu tiegħu**, reat li **ammetta** għalih Todisco,[124] liema dokument intuża minnu w Tanzi biex inkrew il-muturi. Ma hemmx dubbju li iż-żewġ *rental agreements* jikkwalifikaw bħala **skritturi kummerċjali** kif kontemplat bl-artikolu 183 tal-Kodiċi Kriminali:

> **183.** Kull persuna oħra li tagħmel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi **skrittura kummerċjali** jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew **fil-firem**, billi toħloq pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi ddaħħal dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żżid jew tbiddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' priġunerija minn tlettax-il xahar sa erba' snin, birreklużjoni jew mingħajrha.

L-artikolu 83A(5) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi:

> L-azzjoni kriminali għal reat kontra d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu tista' ssir f'Malta minkejja li l-għaqda ta' persuni jkollha bażi jew tkun tmexxi l-attivitajiet kriminali tagħha barra minn Malta.

M'hemmx dubbju li hekk kien il-każ ta' din l-għaqda. Kien fl-esteru fejn din l-għaqda ġiet flimkien bl-iskop li jitwettqu reati ta' serq, falsifikazzjoni w użu ta' dokumenti foloz f'Malta.

Jitfakkar li l-**falsifikazzjoni ma kienitx sempliċiment id-dokument iffalsifikat iżda anke il-firma b'isem falz ta Giuseppe Viscardi u b'indirizzi foloz għal xejn inqas minn żewġ okkażjonijiet;** reati li jġorru piena ta' erba'(4) snin ħabs!

[124] Verbal 16 ta' Lulju, 2024 a fol.141

L-istess jingħad għar-reat ta' serq aggravat bil-valur li jġorr piena massima ta' priġunerija ta' <u>seba' (7) snin</u>.

*<u>Konklużjoni dwar ir-Reati kontemplat bl-artikolu 83A tal-Kodiċi Kriminali.</u>*

Għalhekk l-aħħar rekwiżit tar-reat kontemplat bl-artikolu 83A(1)(a) li jagħmlu riferenza għalih l-artikoli 83A(1)(b) u 83A(2) tal-Kodiċi Kriminali ġie ampjament sodisfatt.

Dan għaliex ġie pruvat mingħajr ebda dubbju li l-imputat **ipparteċipa b'mod attiv** fl-attivitajiet kriminali tal-għaqda li lilha kien **jappartjeni;** u dan meta mhux biss meta kellu kawża raġonevoli li jissuspetta dwar l-għan jew l-attività b'mod ġenerali tal-għaqda, iżda addirittura kif ġa ntwera aktar il-fuq, kien ben **konsapevoli dwar l-għan u l-attività b'<u>mod ġenerali</u>** tal-għaqda:

> ***"Spettur Lydon Zammit:*** *X'kien ser ikun ix-xogħol tiegħu hawn Malta? Għalxiex qalu lilu? Xxxx Fixxxx magħhom f'dawn it-three (3) days x'kienet se tkun?*
> ***L-interpretu tinterpreta lil Gennaro Todisco u Gennaro Todisco jwieġeb***
> ***Interpretu:*** *Il il ix-xogħol tiegħu kien li jikri l-iscooter u li, ehm isajjar fil-B&B*
> ***Spettur Lydon Zammit:*** *Raha naqra stramba, ma rahiex stramba dal-job li tawh hekk?*
> ***Interpretu:*** *Ma sabux, ma sabux daqshekk stramb għax il, għax dak il-ħin hu ma kellux xogħol, kellu anke xi problemi ma kienx [. . .] hu qed jgħid li forsi seta' jimmaġina li kienet xi ħaġa, qal imma dak iż-żmien ma kellux tipo xogħol u kien ilu ma jħallas il-kera tiegħu xi ħames (5) jew sitt (6) xhur.*[125] *.......*
> ***Interpretu:*** *Hu qed jgħid:* ***'iwa għidt jiena li forsi kellhom jagħmlu xi ħaġa.'***
> ***Spettur Lydon Zammit: Kien jaf hu. Kien jaf li huma mdaħħlin f'ċirku li jisirqu, ehm arloġġi lussużi.***
> ***Gennaro Todisco: <u>Si</u>*** *. ....."*[126]

L-abbli difensur tal-imputat fit-trattazzjoni minn tiegħu jikkontendi li ġaladarba din il-Qorti kif diversament preseduta fi proċeduri separati, llum *res judicata,* sabet li tnejn minn sħab Todisco ma kienux ġew misjuba ħatja ta' reati identiċi bħal dawk miġjuba fil-konfront tal-patroċinat tiegħu, allura dan b'xi mod jivvinkola lil din il-Qorti.[127]

Issa kull Qorti għandha tiddeċiedu l-mertu abbażi tal-provi prodotti quddiemha magħdud mal-fatt li l-Qrati tagħna ma jsegwux *the doctrine of precedent.*

---

[125] Fol.72
[126] Fol.88-90
[127] Fol.157et seq

Jekk Qorti oħra, li kienet qed tiġġudika sħab Todisco, sabet li ma hemmx organizzazzjoni kriminali fil-konfront tal-imputati mressqa quddiemha, dan bl-ebda sforz tal-immaġinazzjoni ma jista' jinftiehem li allura jorbot terz f'dik il-kawża. Wara kollox ir-reat prospettat b'dawn l-artikoli jikkontempla bħala parteċipanti tnejn jew iżjed, u l-imputati f'dawk il-proċedimenti kienu fil-fatt tnejn u Todisco ma kienx wieħed minnhom! Dik il-Qorti ma kienitx msejjħa biex tiddeċiedi fuq ir-responsabiltà tal-imputat odjern w kwalunkwe deċiżjoni meħuda minnha kienet imsejjsa fuq ir-riżultanzi proċesswali kompilati quddiemha.

Isegwi li dan l-argument u din it-teżi difensjonali ma jreġġux! Tant hu hekk li fil-kawża fl-ismijiet **Philip Grima v. Avukat Ġenerali**,[128] fejn Imħallef li pprseda kawża b'fatti simili, kien esprima ħsieb iehor u biddel fehmtu meta issa kien jifforma parti mill-Qorti komposta kolleġġjalment fi proċediment distint u separat, il-Qorti Kostituzzjonali tenniet:

> 12. Illi fl-ordni guridiku ta' Malta ma hemmx il-ligi tal precedent, jew dak paralleli tal-istare decis[129] u ghalhekk ma hemm xejn x'josta li dik l-istess Qorti, presjeduta mill istess Imhallef tippronunzja ruhha mod iehor f'kaz iehor li ghalkemm separat ghandu fatti simili. Dan japplika b'aktar qawwa meta l-Qorti li tkun ppronunzjat ruhha tkun wahda tal-prim istanza. Ghalhekk l-istess Imhallef jista' jkollu ripensament fuq punti ta' ligi maghmula f'kazijiet precedenti, u jiddeciedi mod iehor fil-kaz li jkollu quddiemu.

Dan it-tagħlim kien abbraċċat ukoll fil-proċeduri fl-ismijiet **AIC Joseph Barbara u b' digriet tat-8 ta' Marzu 2016 Anna Maria Saddemi assumiet l-atti tal-kawza f' isimha proprju esklussivament 17 ta' Novembru 2016. vs Avukat Generali u Philip Grima,** fejn il-Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjoni:[130]

> Illi effettivament l-esponenti jaqblu pjenament ma' dak li gie deciz f'dan ir-rigward ukoll, tant hu hekk illi tali posizzjoni tinsab pjenament sorretta wkoll minn decizjonijiet precedenti moghtija kemm mill-istess Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fosthom 'Stephan Bonnici v. Avukat Generali' (Rik. Nru. 40/2011) imma wkoll minn awturi li juru kif lanqas il-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet Fundamentali tal Bniedem m'hija marbuta mir-regola tal-precedent: 17 ta' Novembru 2016. Rikors Kostituzzjonali Nru: 471/2005/1/LSO. 12 "It remains perfectly clear that the doctrine of stare decisis does not apply in the ECHR system, and it follows that the doctrine of binding precedent (precedent de jure) must be rejected. (...) the Court deliberately develops its case-law along the doctrine of non-binding precedent" (M. Balcerzak, "The Doctrine of Precedent in the International Court of Justice and the European Court of Human Rights ", 27 Polish Yearbook of International Law 131 at p. 139 (2004-05).)

---

[128] Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2013 Appell Ċivili Numru. 45/2012/1

[129] Ara per eżempju, App. **Dr.Vladimir Formosa v. Direttur tas-Sigurta` Socjali**, 4 ta' Mejju 1992; u App. **Maria Debono et v. Av. Paolo Mercieca,** 30 ta' Jannar 2004.

[130] Qorti Ċivili Prim Awla (Sede Kostituzzjonali(, Per. Imħallef Dr. Lorraine Schembri Orland; Seduta tas-17 ta' Novembru 2016, Rikors Kostituzzjonali Numru : 471/2005/1/LSO

*D. L-addebitu tar-Reċidiva*

Din l-imputazzjoni ma ġietx pruvata w għalhekk l-imputat Gennaro Todisco qed jiġi liberat minnha.

**Il-Piena**

In konsiderazzjoni tal-piena l-Qorti qieset li l-imputat rreġistra ammissjoni in kwantu għall-ewwel u għat-tieni imputazzjoni. Ittieħed kont tan-natura tar-reati li qed tinstab ħtija dwarhom, tal-mod ardit u biered li bih aġixxa l-imputat f'pajjiż li laqgħu meta bla skruplu daħal f'relazzjonijiet kummerċjali sabiex ikun jista' jistad u jistagħna minn fuq persuni innoċenti. Ma setgħax jonqos li jittieħed kont li l-imputat sal-aħħar baqa ma wera ebda rimors għall-għemilu kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha l-oħra tal-każ.

Il-falsifikazzjoni twettqet minnu xejn anqas minn erba' **(4) darbiet**, meta **ffirma iż-żewġ *rental agreements* billi taha dettalji foloz fuq skrittura kummerċjali w meta iffalsifika d-dokument t'identità li ppermetielu jitlaq minn Malta**.

Rigward il-falsifikazzjoni fuq iż-żewġ kuntratti din ma kienitx tirrigwarda l-firma f'isem Viscardi biss iżda anke id-dettalji dwar l-indirizzi ġewwa Malta kif ċertament juri **Dok.FF9.** Bħala indirizz jingħata dak li fonetikament hu tax-Xagħra iżda minflok ir-raħal ġie indikat bħala "Sant Julien".[131] Fuq dawk id-dokumenti nfushom l-imputat iffirma erba' (4) darbiet fuq dak ta' Stivala Rentals.[132]Ivan Zammit imbgħad ikkonferma **Dok.FF9**[133] fejn fuqu tidher anke il-firma ta' ċertu Viscardi b'indirizz fittizju f'San Ġiljan. L-użu tad-dokument falsifikat seħħ ghal daqstant drabi.

Madanakollu jiġi sottolinejat li l-falsifikazzjoni tad-dokument serviet ta' mezz ai fini għat-tieni imputazzjoni, l-użu tal-istess dokument.

Rigward is-serq ittieħed kont li dan kien okkażjoni ta' darba iżda wieħed li hu aggravat bil-valur u bil-mezz ai termini tal-artikolu 263(b), ġaladarba sar bl-użu ta' *face masks* u *helmets*. L-artikolu 263(b) jipprovdi:

[131] Fol.211

[132] **Dok.PMD1** a fol.286 et seq tal-Proċess **Il-Pulizija vs Daniele Landolfi et,** Vol.II ta' dawn l-atti

[133] Fol.209-211

Is-serq huwa ikkwalifikat bil-"mezz" -.......

(b) meta l-ħalliel jiżbogħ wiċċu, jew jilbes maskra jew għata oħra tal-wiċċ, jew jagħmel xi tibdil ieħor fl-ilbies jew fis-sura,

Il-fatt li hawn si tratta ta' serq ta' arloġġi lussużi bl-użu ta *scooters*, ma hemmx dubbju li Todisco – li ammetta li kien jaf sew kif sħabu kienu mdaħħla f'ċirku ta' serq t'arloġġi[134] - kien **konsapevoli wkoll tal-mod kif kellhom jitwettqu s-serqiet u ċioe b'tibdil fis-sura w l-għata tal-wiċċ, l-aggravju tal-mezz.**

Il-piena għar-reat ta' serq aggravat ukoll bil-valur hi kontemplata bl-artikolu 280(2) tal-Kodiċi Kriminali u ċioe dik ta' bejn it-tmintax (18) il-xahar u disgħa (9) snin priġunerija. Hawn jittieħed kont ukoll tal-valur tal-arloġġ li kien tal-fuq minn seba' u għoxrin elf ewro (€27,000).

Finalment ġie kunsidrat ukoll li bejn ir-raba u l-ħames imputazzjoni japplika l-prinċipju tal-konkors formali tal-pieni, bil-piena l-aktar severa tkun dik kontemplata bl-artikolu 83A(1) tal-Kodiċi Kriminali, piena ta' bejn l-erba' (4) u disgħa (9) snin priġunerija.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-addebitu tar-reċidiva, wara li rat l-artikoli 17(b)(h), 23, 31, 42(ċ)(d)(e), 83A(1)(b), 83A(2), 183, 184, 261(b)(c), 263(b), 267, 278(2), 279(b) u 280(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib l-imputat Gennaro Todisco ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha u tikkundannah għal-piena ta' **seba' (7) snin priġunerija** minn liema terminu għandu jitnaqqas iż-żmien li l-imputat għamel taħt arrest preventiv.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**

---

[134] Fol.88: ***Spettur Lydon Zammit:*** *Kien jaf hu. Kien jaf li huma mdaħħlin f'ċirku li jisirqu, ehm arloġġi lussużi.*
***Gennaro Todisco:*** ***Si***